# Kummissjoni Nazzjonali
# għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza

## RAPPORT ANNWALI
## 2006

## Werrej


| | Paġna |
|---|---|
| Messaġġ - *Ministru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali* | 3 |
| Daħla - *Il-Kummissarju* | 5 |
| Sommarju Eżekuttiv - *Id-Direttur Eżekuttiv* | 8 |
| Ilmenti u Talbiet għall-Informazzjoni | 11 |
| Proġetti | 23 |
| CEDAW | 40 |
| *Mainstreaming* tal-Ġeneri | 42 |
| Sejbiet li ħarġu mir-riċerka | 46 |
| Inizzjattivi ta' Taħriġ | 53 |
| Konferenzi | 60 |
| Ħolqien ta' Għarfien | 71 |
| L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-Unjoni Ewropea | 78 |
| Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja | 79 |



**ISBN 978-99909-89-18-2**

**Kummissjoni Nazzjonali**

**għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza**

# 2006

# Messaġġ

It-twaqqif tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza assigurat li l-aspett ta' ugwaljanza jkun verament fuq quddiem fit-tfassil tal-politika nazzjonali. Il-Gvern Malti kkommetta ruħu li jara li l-*gender mainstreaming* kif ukoll dawk il-ħtiġijiet l-oħra li joħorġu mill-istandards Ewropej u, aktar important dawk mitluba mis-soċjeta' Maltija jkunu milħuqa.

It-tielet Rapport jitfa dawl fuq ix-xogħol tal-Kummissjoni f'din l-aħħar sena: sena kkaratterizzata minn numru ta' proġetti imħaddma bil-fondi Ewropej, flimkien ma inizjattivi oħra li l-Kummissjoni wettqet fuq livell lokali. Aspett importanti mix-xogħol tal-Kummissjoni huwa li twassal għarfien u informazzjoni fuq l-ugwaljanza lil setturi differenti tas-soċjeta' Maltija. Dan sar permezz ta' programmi u inizjattivi għall-gruppi li jinkludu kemm tfal kif ukoll adulti, ħaddiema fis-setturi privati u pubbliċi, lil min iħaddem, Ministeri u l-pubbliku ġenerali.

Il-kunċett ta' *gender mainstreaming* ifisser li d-dimensjoni ta' opportunitajiet indaqs tiddaħħal fid-disinn, fl-applikazzjoni, fl-analiżi u fil-moniteraġġ tal-politika kollha flimkien ma kwalunkwe miżura jew azzjoni oħra li tittiehed. F'dawn l-aħħar tliet snin, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza zviluppat qafas ta' miżuri sabiex il-*gender mainstreaming* u l-koeżjoni soċjali ikunu verament parti integrali mid-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni ħadet ħsieb ukoll li twessa' l-koperazzjoni nazzjonali u internazzjonali flimkien ma' l-ħidma tagħha fil-qrib ma entitajiet lokali, bir-riżultat li l-kordinament diġa; qed issir fuq suġġetti bħal l-inklużjoni soċjali, l-impieg, il-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni fost oħrajn.

Din is-sena saru wkoll passi mportanti ħafna li l-Gvern ħa f'dan is-settur. Il-miżuri riċenti mħabbra fid-diskors tal-*budget* huma xiehda ta' kemm il-Gvern verament ikkometta ruħu li jara li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza ikun infilsat sew fid-demokrazjia f'pajjiżna. Il-miżuri favur il-familja li kienu jgħoddu biss ghal-impjegati taċ-ċivil, issa saru japplikaw ukoll għas-settur pubbliku b'mod li aktar minn 13,000 familja ser igawdu minnhom. Din ir-riforma hija verament punt importanti sabiex kemm ir-

responsabbiltajiet tal-familja kif ukoll dawk professjonali jistgħu jintlaħqu. Minbarra dan, l-inċentivi u tnaqqis fuq it-taxxa flimkien mal-miżuri li jgħinu l-imprenditu, jiffaċilitaw id-dħul ta' aktar nisa fis-settur ekonomiku.

Għad hemm ħafna ostakli li iridu jingħelbu, imma l-Kummissjoni taċċetta dawn l-isfidi b'kunfidenza u persważjoni li meta tintlaħaq verament l-ugwaljanza, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, tkun il-familja u s-soċjeta' kollha li tgawdi. Is-soċjeta f'Malta tidher li lesta għall-bidla u progress. Fl-aħħar mill-aħħar, in-nisa jridu dak li jridu l-irġiel. It-tnejn iridu dinjita' u rispett.

***Dolores Cristina***
***Ministru għall-Familja u Solidarjeta Soċjali***
***Frar 2007***

# Daħla

L-ugwaljanza trid issir xi ħaġa li hija esperjenzata u mhux biss mitkellma u diskussa. Il-leġiżlazzjoni weħidha ma tibdilx ir-realtà, imma hija bżonjuża sabiex tistimula din il-bidla. Huma fil-fatt l-atturi soċjali u l-udjenzi varji li jħaddmu l-liġi u jgħinu sabiex tintrebaħ id-diskriminazzjoni istituzzjonali – din ir-responsabbiltà m'hix biss tal-kummissjonijiet ta' l-ugwaljanza, iżda wkoll ta' Għaqdiet mhux Governattivi, leġiżlaturi, imsieħba tan-negozju, trade unions, u staff legali. Kif wieħed jista' jara minn dan ir-Rapport estensiv, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa (NCPE) qiegħda taħdem bis-sħiħ biex tkun eżempju ta' bidla fis-soċjetà Maltija, iżda dan l-objettiv jista' jintlaħaq biss bl-għajnuna u l-kollaborazzjoni tad-diversi msieħba.

L-NCPE, matul l-ewwel mandat tagħha bejn l-2004 u l-2006, kienet qablet li tiffoka il-politika tagħha fuq azzjonijiet prattiċi biex tiżgura li l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħha ikunu ibażati fuq sisien soda. Fil-fatt dawn l-azzjonijiet ħadu forom u strateġiji varji sabiex ikun żgurat li l-irġiel u n-nisa f'Malta, irrispettivament mis-sitwazzjoni ekonomika tagħhom, il-level ta' edukazzjoni jew il-pożizzjoni soċjali tagħhom, ikunu aktar infurmati dwar il-politika li l-NCPE kienet qiegħda tippromwovi u tikkoordina, sabiex il-pubbliku ġenerali seta' jkun parteċipi f'din il-biddla. Id-diversi proġetti li qiegħdin jitwettqu juru l-importanza li ingħatat lill-prattiċi tajbin li gradwalment qiegħdin jibdlu l-atitudnijiet u l-imġieba tal-pubbliku ġenerali.

Il-prijoritajiet tagħna għall-perjodu bejn l-2006 u l-2008, se jikkonsolidaw ir-riżultati li ħarġu mill-proġetti ta' riċerka, u l-politika li qed inħaddnu qiegħda tippopolarizza l-inizjattivi tagħna. Bħalissa l-NCPE qiegħda tiffoka fuq riżultati u l-programmi ta' azzjoni pożittiva, li spiss qed iwassalna sabiex naħdmu fuq livell lokali: skejjel, kunsilli lokali, kif ukoll mas-settur pubbliku u dak privat.

Huwa mistenni, li flimkien mal-ġeneru, fil-futur qarib l-NCPE tieħu se tieħu r-rwol ta awtorità ta' sorveljanza fuq il-bażijiet l-oħra ta' ugwaljanza. Għaldaqstant l-NCPE iddeċidiet li l-prijoritajiet tagħha għas-sentejn li ġejjin għandhom jinkludu:

- **Analizzar tas-sitwazzjoni preżenti, emendi fil-liġijiet u implimentazzjoni ta' politika ta' inklużjoni għall-bażijiet kollha ta' non-diskriminazzjoni.**

Dan l-istudju se janalizza s-sitwazzjoni Maltija fir-rigward ta' diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, u eventwalment fuq il-bażijiet l-oħrajn. Se janalizza wkoll il-liġijiet Maltin u l-implimnetazzjoni ta' politika ta' inklużjoni għall-bażijiet kollha u fuq il-livelli kollha fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, sew jekk hija monetarja, ta' l-infrastruttura, ix-xogħol, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-ambjent.

- **Tkabbir tal-Kapaċita ta' l-NCPE**

Ix-xogħol ta' l-NCPE qed jikber ġmielu u għaldaqstant hemm bżonn li jiżdiedu n-numru ta' impjegati sabiex isir ix-xogħol li qed jiġi pjanat. Is-sezzjoni legali ta' l-NCPE għandha bżonn li tiġi imsaħħa kemm sabiex isservi ta' organu ta' sapport, kif ukoll sabiex taqdi r-rwol investigattiv. Dan kollu se jkun aktar bżonnjuż meta l-kappa tal-Kummissjoni titwessa' sabiex tippromwovi l-ugwaljanza fuq il-bażijiet l-oħra ta' non-diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra wkoll li żżid is-servizzi ta' sapport li tipprovdi lill-klijenti tagħha. Diġà saru suġġerimenti biex isiru emendi fl-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, liema tibdil huwa neċessarju sabiex il-Kummissjoni takwista aktar poter biex tkun tista' taqdi id-dmirijiet tagħha aħjar matul dan il-mandat.

- **Taħriġ, edukazzjoni, ħolqien ta' kuxjenza u l-midja**

It-Taħriġ kontinwu, il-kampannji edukattivi u l-ħolqien ta' kuxjenza huwa proċess kontinwu, u l-NCPE se tapplika għal aktar fondi għall-varji inizjattivi tagħha f'dan il-qasam.

- **Tisħiħ tan-*network*s ma' entitajiet lokali u internazzjonali oħra e.ż. kunsilli lokali, NGOs, qbil governattiv bilaterali**

Aħna se naħdmu ma' kummissjonijiet u awtoritajiet oħra sabiex nippromwovu l-*mainstreaming* tal-ġeneri fuq il-levelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-proġetti li qiegħdin nimplementaw huma mera ta' din l-interazzjoni ma dawn l-entitajiet. Aħna nagħrfu wkoll ir-rwol importanti li għandhom l-NGOs fir-rigward ta' dawn l-inizjattivi. Barra minn dan, aħna sibna wkoll assistenza kbira minn Ambaxxati

u Kummissjonijiet Għolja f'Malta kemm għall-għarfien u għall-assistenza li tat dimensjoni internazzjonali lix-xogħol tagħna.

Partikolarment issa li ninsabu fl-2007, aħna qed inħarsu 'il quddiem sabiex naħdmu flimkien mall-kumitat nazzjonali li kien imwaqqaf sabiex jikkoordina s-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għall-kulhadd. Flimkien ma' dan, aħna se nibqgħu nipparteċipaw f'kumitati varji fuq il-livell tal-Kummissjoni Ewropea u livelli internazzjonali oħra, kif ukoll nikkontribwixxu fid-diskussjonijiet li għaddejjin fir-rigward tal-programm il-ġdid PROGRESS.

Minkejja l-fatt li l-membri tal-Kummissjoni huma attivi fuq bażi ta' ħin sħiħ f'setturi varji, il-membri passati u preżenti tal-Kummissjoni irnexxielhom jiffunzjonaw fuq livell ta' eċċellenza, b'livell tajjeb ta' kollaborazzjoni kemm bejn il-membri infushom kif ukoll mal-parti eżekuttiva tal-Kummissjoni. Nixtieq għalhekk nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil membri passati tal-Kummissjoni, s-Sur Winston J Zahra u Dr Miriam Camilleri, li kellhom jirreżenjaw minħabba xogħol ieħor fir-responsabbilità tagħhom, u nilqa' iż-żewg membri l-ġodda, Ms Therese Bugeja u s-Sur Joe Farrugia, li ġabu magħhom ħafna għarfien dwar l-oqsma rispettivi tagħhom. Dawn jikkumplementaw tajjeb l-oqsma ta' għarfien tal-membri l-oħra tal-Kummissjoni li jinkludu lil Ms Grace Attard, s-Sur Mario Mallia, Dr Myriam Spiteri Debono u Dr Fr Vanni Xuereb. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll għall-parti eżekuttiva tal-Kummissjoni mmexxija minn Ms Sina Bugeja, li dejjem uriet livell għoli ta' inizjattiva u dedikazzjoni sabiex timplementa l-politika tagħna.

L-atitudni hija l-vera diskriminazzjoni u għalhekk għandna bżonn ħsieb aktar ħolistiku. Fis-sena tal-4 R: *Rights, Representation, Recognition, Respect,* (Drittijiet, Rappreżentazzjoni, Għarfien, Rispett) is-soċjetà Maltija għandha tħares lejn il-gwadann u l-benefiċċji li jġibu magħhom id-diversità u l-inklużjoni, il-flessibilità fl-ekonomijia globalizzata, l-innovazzjoni, il-ftuħ tal-ħsieb, u soċjetà aktar ġusta għall-kulhadd.

***Janet Mifsud,***

***Kummissarju***

***Frar 2007***

# Sommarju Eżekuttiv

Kif kien ippjanat, is-sena 2006 kienet sena li fiha l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) dehret ħafna fil-pubbliku. Minbarra n-numru ta' stediniet li rċeviet mill-istazzjonijiet tat-televixin u tar-radju, l-Kummissjoni kellha xejn inqas minn tlettax-il konferenza u għoxrin seminar fejn attendew mhux biss dawk il-gruppi mistiedna li kienu fil-mira tat-twessiegħ tat-tagħrif imma ukoll il-pubbliku in ġenerali.

***Ilmenti***

Meta naraw ir-Rapport ta' Ħidma għas-sena 2006 insibu li l-ewwel parti tkopri l-ilmenti li ntbagħtu. L-obbligazzjoni sabiex il-Kummissjoni taħdem fuq l-ilment toħroġ ċar mill-ligi 'Att dwar l-Ugwaljanza Għall-Irġiel u n-Nisa', Kap 456, artiklu 12 (f) li jgħid 'li ssir ħidma bix tinkiseb l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa'. Ir-Rapport ta' Ħidma juri bid-dettall l-ilmenti li waslu għand il-Kummissjoni u allura l-istampa ta' x'qed jinħass mill-pubbliku li hu problematiku, jista' jkun magħruf. Hija din l-istess informazzjoni li tixpruna lill-NCPE sabiex twassal proposti ta' bidla tal-politika. Iżda wieħed irid jifhem ukoll li bl-ebda mod ma nistgħu nikkonkludu li n-numri ta' lmenti li nirċievu qed jirrifletti l-problema li verament teżisti. Ħafna individwi jċemplu u jistaqsu kif jistgħu jagħmlu sabiex iwasslu l-ilment imma imbagħad qatt ma jaslu li jagħmlu dan. Żgur hemm numru ta' raġunijiet għal dan. Jista jkun li wieħed iħossu dgħajjef quddiem deċiżjoni bħal din jew jista' jkun ukoll li hemm il-biża' li persuna tiġi ivvittimizzata jekk tasal li twassal lment.

***Proġetti***

Bix-xogħol tagħha fuq proġetti, l-NCPE naqqxet isem għaliha. Fil-fatt, bħalissa l-Kummissjoni qed taħdem fuq sitt proġetti u anke issottomettiet erba' sottomessjonijiet li trid tkun qed tmexxi jew qed tieħu sehem fihom. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tuża l-fondi eżistenti sabiex tistudja s-sitwazzjoni u tgħaddi proposti għal bidliet meħtieġa. Minn barra hekk, il-proġetti imħaddma bil-flus ta' l-Unjoni Ewropea, il-proġett bil-fondi ta' l-UNESCO u l-proġett bil-fondi ta' l-

Ambaxxata ta' l-Olanda għandhom strateġija waħda – dik li jqajmu aktar kuxjenza u jwessgħu l-għarfien fuq il-sitwazzjoni ta' l-ugwaljanza qalb il-pubbliku. Mhux qed naraw kbir jekk ngħidu li l-ugwaljanza fil-fatt qegħda parti mill-iskema nazzjonali ta' pajjiżna. Żgur li l-Kummissjoni mhix qed tgħid li dan sar bis-saħħa tagħha biss u l-kontribuzjonijiet ta' Kummissjonijiet oħrajn qabel din flimkien ma' organizzazzjonijiet li wkoll taw sehemhom huma kollha rikonoxxuti. Madankollu żgur li kulħadd ikollu jammetti li x-xogħol tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza isarraf f'parti importanti mill-bidla li qed naraw madwarna.

***Taħriġ***

Fis-sena 2006, l-NCPE ħadet ir-responsabbilta' li tkompli bl-iżvilupp tal-Kumitati għall-Ugwaljanza li twaqqfu fi ħdan il-Ministeri u li tkompli twessa' t-tagħrif għal gruppi partikulari li ħassew il-ħtieġa. Fil-fatt il-materjal użat ġie żviluppat skond it-talbiet li l-Kummissjoni rċeviet minn entitajiet varji. Il-possibilta' ta' għajnuna fit-taħriġ ġiet studjata u użata bl-aħjar mod possibli. Il-programm tas-CFTC bit-titlu 'Regional Training Programme on Equality Issues for Good Governance in the Maltese and Cypriot Public Service' huwa inizjattiva waħda li ttieħdet. Dan jissemma b'aktar detall fir-rapport. Kien ukoll ta' sodisfazzjon kbir għall-Kummissjoni li tara kif dak it-taħriġ li tat lill-Kumitati għall-Ugwaljanza kellu effett aktar wiesa' fil-Ministeri fejn twaqqfu u anke f'postijiet oħra. Dan ħareġ wara li urejna ftit eżempji ta' prattiċi tajbin waqt konferenza partikulari.

***Riċerka***

Illum ir-riċerka tokkupa post għoli fix-xogħol tal-Kummissjoni u dan għal aktar minn raġuni waħda. Kulħadd illum jaf li jekk ma nużawx provi xjentifiċi bħala l-bażi ta' l-informazzjoni għal l-ippjanar għal futur u għad-direzzjoni meħtieġa, il-bidliet neċessarji qatt ma jistgħu ikunu garantiti. Fil-waqt li rridu nfittxu sewwa x'għamlu jew x'qed jagħmlu pajjiżi Ewropej oħra biex din l-informazzjoni isservi ta' sinsla għad-dokumentazzjoni, l-fatturi kulturali u soċjali ma jistgħux jitħallew barra, jew meqjusa bi ftit importanza għax dawn irid ikollhom sehem sħiħ fl-ippjanar għall-bidla tas-sistemi kif inhuma. Sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha l-Kummissjoni ħadet ħsieb li tara li r-riċerka tingħata l-importanza li jistħoqqilha sabiex tkun żgura li l-

veru problemi jiġu identifikati u studjati. Li tkun taf x'inhuma n-nuqqasijiet tiegħek huwa verament l-ewwel pass lejn it-triq tal-bidla. L-NCPE dejjem tanalizza l-possibilita ta' aktar riċerka u b'hekk tifhem aħjar il-verita' kollha – dan dejjem sabiex ittejjeb lis-soċjeta. Fi kliem Thorstein Veblen (1857 – 1929) 'ir-riżultat li joħroġ minn riċerka serja huwa l-fatt li tagħmel żewġ mistoqsijiet fejn qabel kellek waħda biss'.

It-triq hija twila u mserrpa imma mhux li ma nistgħux nimxuha ..... bit-tim li għandna li dejjem qed jikber u jitrawwem aħjar, xogħlna jidher ċar. F'isem dawk kollha li ċ-ċirkostanzi ta' ħajjithom tjiebu bix-xogħol tal-Kummissjoni nirringrazzja lill-Kummissarju, Dr. Janet Mifsud, il-Membri tal-Kummissjoni preżenti u dawk li kienu magħna u l-Membri kollha ta' l-istaff li jaħdmu fi ħdan il-Kummissjoni. J'Alla is-sena 2007 tħalli l-frott bħal ma ħalliet is–sena 2006.

***Sina Bugeja***
***Direttur Eżekuttiv***
***Frar 2007***

# ILMENTI U TALBIET GĦALL-INFORMAZZJONI

Matul is-sena 2006, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE), irċeviet 37 ilment uffiċjali, minbarra x-xogħol kontinwu li baqa' jsir fuq l-ilmenti li kienu infetħu qabel.

L-NCPE ġabret informazzjoni dwar dawn l-ilmenti kull tliet xhur. Fil-fatt, dawn l-ilmenta waslu minn sorsi differenti l-aktar minn impjegati fis-settur pubbliku, organizzazzjonijiet non-governattivi, kumpaniji privati, kif ukoll il-pubbliku ġenerali.

Filwaqt li n-numru ta' lmenti jista' jidher li huwa kemmxejn baxx, dan ma jirriflettix ir-realta' ta' kulma jiġi mitlub mis-servizz li toffri l-NCPE. Inqas u inqas, dawn il-figuri ma jirrappreżentaw b'mod effettiv ir-realta' tal-firxa tad- diskriminazzjoni bejn is-sessi li għadha teżisti f'Malta.

L-NCPE taf fil-fatt li bosta individwi iċemplu u jistqarru li għandhom l-ilmenti, kif ukoll jitolbu informazzjoni dwar il-proċeduri li timxi fuqhom l-NCPE meta jiġi ppreżentat ilment. Madankollu għad li jingħataw kull mezz possibli biex jippreżentaw ilment, spiss ħafna, dan xorta ma jasalx b'mod uffiċjali għal diversi raġunijiet li jista' jkollha l-persuna.

Mill-esperjenza ta' l-NCPE, nistgħu ngħidu li, waħda mill-akbar preokkupazzjonijiet tal-persuni li jressqu lment mal-Kummissjoni, u li ġieli żżommhom lura milli jilħqu l-għan tagħhom, hija ċertu biża' minn dawk li jistgħu jkunu riperkussjonijiet li jistgħu jgħaddu minnhom fuq il-post tax-xogħol minħabba l-fatt li jkunu ressqu l-ilment. Din il-biża' tista' tiġi ġustifikata, madankollu importanti li persuna tkun taf li skond Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Artiklu 28:

> *Ħadd ma jista' jivvittimizza xi persuna talli din tkun għamlet ilment lill-awtoritajiet leġittimi jew talli tkun bdiet jew ħadet sehem fi proċeduri għal riżarċiment abbażi tal-ksur allegat tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew talli tkun tat informazzjoni, konfidenzjali jew le, lil korp pubbliku regolatorju*

> *stabbilit, rigward attivitajiet allegatament illegali jew korrotti magħmula mill-prinċipal ta' dik il-persuna jew minn persuni li jaġixxu f'isem u fl-interessi tal-prinċipal.*[1]

Fil-fatt, preżentement għaddejjin diskussjonijiet li permezz tagħhom huwa maħsub li klawsola simili tiġi wkoll introdotta f'Kap. 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa biex f'din ukoll tingħata protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni għal dawk l-individwi li jippreżentaw ilment quddiem il-Kummissjoni. Din il-proposta qed issir flimkien ma diversi suġġerimenti oħra li permezz tagħhom huwa maħsub li tissaħħaħ din il-liġi li tmexxi x-xogħol ta' l-NCPE.

Barra minn hekk, problema oħra li ltaqgħet magħha l-Kummissjoni hija l-fatt li ħafna individwi m'ghandhomx kuraġġ biżżejjed biex iqumu kontra l-inġustizzji li jkunu qegħdin isofru. Għalhekk, meta taħdem mal-klijenti, l-NCPE tassigura li dawn jingħataw għajnuna b'kull mezz possibli biex iwasslu l-ilment tagħhom sa l-aħħar, madankollu spiss dawn l-ilmenti, xorta, ma jsirux b'mod uffiċċjali. Minħabba diversi raġunijiet, dawn l-individwi jirrifjutaw li jagħtu dettalji personali, għad li jkunu assigurati li kull informazzjoni li jagħtu tinżamm kunfidenzjali, ovvjament ħlief għal dawk il-persuni li għandhom dritt leġittimu li jkunu involuti.

Il-maġġoranza tal-klijenti ta' l-NCPE, matul l-2006, użaw il-formola apposta li permezz tagħha jistax jiġi ppreżentat ilment. Minħabba l-fatt li din il-formola hija magħmula apposta biex fiha tidħol l-informazzjoni kollha li normalment ikollha bżonn l-NCPE biex tipproċedi fuq ilment, il-proċess tħaffef b'mod konsiderevoli. Din il-formola tista' titniżżel mill-internet mill-*website* ta' l-NCPE www.equality.gov.mt kif ukoll tinġabar mill-kunsilli lokali madwar Malta. Barra minn hekk f'każi partikolari fejn il-klijenti jsibu diffikultajiet biex ikollhom aċċess għal din il-formola, din tintbagħtilhom id-dar biex żgur ma jkunx hemm lok li persuna ma tistax tmexxi l-ilment 'il quddiem.

---

[1] Cap. 452, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (2002) http://www.gov.mt/frame.asp?l=1&url=http://www2.justice.gov.mt/lom/home.asp

Minbarra l-ilmenti li daħlu qabel, fost l-ilmenti ġodda li ġew reġistrati matul is-sena 2006 nistgħu nsibu:

- Illustrazzjonijiet diskriminatorji fuq bażi ta' sess f'kotba
- Diskriminazzjoni f'opportunitajiet ta' xogħol
- Trattament diskriminatorju fuq il-post tax-xogħol
- Possibilta' ta' għotja tal-miżura ta' sigħat imnaqqsa għall-għalliema
- Kundizzjonijiet ta' xogħol diskriminatorji
- Reklamar offensiv
- Kuntratti b'termini fissi fis-Servizz Pubbliku
- Proviżjonijiet diskriminatorji f'Kap.16 Kodiċi Ċivili
- Tkeċċija inġusta mill-post tax-xogħol
- Miżuri favur il-familja għal impjegati fi gradi ogħla (Servizz Pubbliku)
- Proviżjonijiet dwar il-Pensjoni tar-Romol
- Tibdil fil-kundizzjonijiet ta' xogħol li qed itellfu millli impjegati jilħqu bilanċ bejn il-familja u x-xogħol
- Fastidju Sesswali
- Ċittadinanza
- Klawsola dwar *leave* taż-Żwieġ fil-*Public Service Management Code*
- Flessibilta' u miżuri favur il-familja
- Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali (bolla)
- *Leave* għall-Ġenituri (Servizz Pubbliku)
- Sigħat ta' xogħol flessibli
- Benefiċċji tas-*sick leave* waqt tqala
- Diskriminazzjoni fl-għotja ta' benefiċċji mis-Sigurta' Soċjali

**Miżuri Favur il-Familja**

Matul l-2006, il-Kummissjoni għamlet pressjoni partikolari fil-qasam ta' *policies* biex jidħlu aktar miżuri favur il-familja. Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' l-NCPE huwa li:

> b) tidentifika l-bżonnijiet ta' persuni li huma żvantaggati minħabba s-sess tagħhom u biex tieħu kull miżura li tista' biex tipproponi miżuri li jirrispondu għal dawn il-bżonnijiet fl-aktar mod wiesa';

Minħabba f'hekk ittieħdu bosta inizzjattivi biex tingħata l-importanza meħtieġa lill-implimentazzjoni ta' miżuri favur il-familja, mhux biss fis-Servizz Pubbliku iżda wkoll fis-settur privat. Barra minn hekk, in-numru ta' lmenti u talbiet għall-informazzjoni dwar dawn il-miżuri iggwidaw lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni konkreta biex turi l-importanza tal-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u x-xogħol, li tista' tinkiseb biss permezz ta' l-introduzzjoni ta' dawn il-*policies*.

Nistgħu ngħidu li diġa rajna riżultati sinifikanti f'dan il-qasam permezz ta' l-implimentazzjon tal-Ftehim Kollettiv ta' l-Impjegati tas-Servizz Pubbliku (2005 – 2010). Fil-fatt, fis-sena 2006, il-Gvern kabbar l-impenn tiegħu lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-miżuri favur il-familja permezz ta' l-implimentazzjoni ta' *policy* li bil-ħila tagħha il-miżuri li s'issa setgħu jieħdu biss il-ħaddiema tal-Gvern, ġew estiżi għall-impjegati kollha fis-settur pubbliku, jiġifieri kull entita' li hi mmexxija minn fondi tal-Gvern. Dawn il-miżuri jinkludu l-istess drittijiet għal xogħol b'sigħat imnaqqsa, *parental leave, career breaks* u ħinijiet flessibli, fost l-oħrajn. Din il-mizura hija pass importanti li permezz tiegħu se jgawdu madwar 13,000 familja.

Il-Kummissjoni wettqet u għadha ghaddejja b'xogħol estensiv biex tippromwovi l-introduzzjoni ta' miżuri favur il-familja fis-settur privat. Kap. 452, Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jagħti lok biss għal 14-il gimgħa *leave* tal-maternita', 3 xhur *parental leave* u *leave* meta tinqala' xi emerġenza. Sfortunatament, sal-lum m'hemm ebda proviżjoni fil-liġi li ġġiegħel lil min iħaddem biex jagħti aktar miżuri favur il-famija, għad li wieħed irid jgħid li permezz ta' l-intervent ta' l-NCPE f'bosta lmenti, saru numru ta' negozjati waqt li f'każijiet oħra bdew xi diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

**Kuntratti fissi fis-Servizz Pubbliku**

Dan huwa qasam ieħor li ħadmet bis-sħiħ fuqu l-Kummissjoni, f'din is-sena b'mod partikolari, dan minħabba n-numru kbir ta' lmenti li daħlu dwar dan l-istess suġġett, li huma l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' impjegati li jaħdmu fuq dan it-tip ta' kuntratti. L-iktar aspett inkwetanti għall-Kummissjoni huwa l-fatt li dawn l-impjegati

m'għandhom ebda dritt li jutilizzaw miżuri favur il-familja, minbarra l-*leave* ghall-maternita'. Dan qed iwassal għal numru ta' problemi għal dawn il-ħaddiema li għandhom bżonn li jilħqu bilanċ bejn ix-xogħol u r-responsabbiltajiet familjari tagħhom. L-azzjoni li ttieħdet mill-NCPE f'dan il-qasam wasslet għal diversi diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet rilevanti. Il-Kummissjoni hi tal-fehma qawwija li għad li, jista' jkun li jidher diffiċli li per eżempju tipprovdi sigħat imnaqqsa, *parental leave* u *career breaks* għall-impjegati li qegħdin fuq kuntratt fiss minħabba ż-żmien limitat li jkun stipulat fil-kuntratt, permezz ta' negozjar għaqli u aktar flessibilta', f'kull każ jistgħu jinstabu soluzzjonijiet li jaqdu kemm il-bżonnijiet tas-servizz kif ukoll il-bżonnijiet ta' l-impjegati li qed ifittxu biex isibu l-bilanċ meħtieġ bejn il-ħajja tax-xogħol u r-responsabbiltajiet fil-familja.

**Deċiżjonijiet li Ħadet il-Kummissjoni fir-Rigward Ta' l-Ilmenti Li Rċeviet**

Huwa importanti li jingħad li l-Kummissjoni ittrattat kull ilment li daħal b'mod individwali u ħadmet u waslet għall-konklużjonijiet tagħha skond iċ-ċirkostanzi differenti ta' kull ilment. Madankollu huwa importanti hafna li jkun magħruf li l-Kummissjoni taħdem skond direzzjoni speċifika li hi mnizzla f'Kap. 456, tal-Liġijiet ta' Malta Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.[2].

Fil-fatt biex tagħti saħħa lill-pożizzjoni li tittieħed fir-rigward ta' kull ilment, l-NCPE tirreferi dejjem għall-Att imsemmi. Madankollu, riferenzi oħra fil-liġijiet li jitkellmu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jinstabu wkoll f'Artiklu 14 u Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] kif ukoll f'diversi artikoli li jinstabu f'Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jew kif inhu magħruf aħjar il-Kodiċi Ċivili[4].

Wara l-pubblikazzjoni fis-sena 2005 tal-ktieb *Sexual Harassment: A Code of Practice*, huwa importanti hafna li wara li dan tqassam kontinwament lill-diversi entitajiet u postijiet tax-xogħol, l-NCPE qed tara fil-fatt bidla fejn ħafna kumpaniji qed idaħħlu *policy* kontra l-fastidju sesswali fil-prattika. Barra minn hekk permezz

---

[2] Cap. 456, Equality for Men and Women Act;
http://docs.justice.gov.mt/lom/Legislation/English/Leg/VOL_14/Chapt456.PDF
[3] The Constitution of Malta; http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/english/leg/vol_1/chapt0.pdf
[4] Cap. 16, The Civil Code; http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/english/leg/vol_2/chapt16.pdf

ta' kollaborazzjoni bejn l-NCPE u l-*Management and Personnel Office* (MPO); f'April 2006, is-Servizz Pubbliku ħareġ dokument li jismu: "*The Public Service: Guidelines on what constitutes sexual harassment and the procedures to be followed in cases of sexual harassment.*" li huwa immudellat skond id-dokument li ħareġ fil-manwal ta' l-NCPE. Din l-azzjoni serviet ukoll ta' eżempju biex kumpaniji oħra fis-settur privat irrealizzaw l-importanza li tidħol *policy* ta' dan it-tip fil-postijiet tax-xogħol tagħhom. F'Kap.456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, min iħaddem għandu l-obbligu li:

> *9. (2) (a) Persuni responsabbli għal xi post tax-xogħol, stabbiliment jew enti edukattivi li jipprovdi taħriġ jew gwida vokazzjonali jew għal xi stabbiliment fejn jiġu offruti oġġetti, servizzi jew faċilitajiet ta' akkomodazzjoni lill-pubbliku, m'għandhomx jippermettu lil persuni oħra li jkollhom jedd ikunu preżenti fi, jew li jagħmlu użu minn xi faċilità, oġġett jew servizz ipprovdut f'dak il-post, li jġarrbu fastidju sesswali f'dak il-post.*
>
> *(b) Persuni li jkunu responsabbli kif hawn qabel imsemmi jistgħu jiddefendu ruħhom dwar dak li jkunu għamlu billi jġibu prova li huma jkunu ħadu dawk il-passi li jistgħu jkunu raġonevolment prattikabbli biex jipprevjenu dak il-fastidju sesswali.*

Barra minn hekk dan id-dokument: *Sexual Harassment: A Code of Practice* huwa għodda siewja li tirreferi għaliha u timxi fuqha l-NPCE meta jkollha f'idejha każi ta' fastidju sesswali, kif ukoll jgħin biex isiru rakkomandazzjonijiet dwar dan is-suġġett.

Matul is-sena 2006, is-Sotto-Kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti ltaqa' 15-il darba. Numru sostanzjali minn dawn il-laqgħat kienu sessjonijiet fejn ġiet miġbura informazzjoni, skond il-proċeduri li timxi fuqhom il-Kummissjoni, dwar ilmenti speċifiċi, inkluż ilmenti dwar diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess kif ukoll fastidju sesswali. Is-Sotto-Kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti jagħmel sforz kbir biex tinżamm il-kunfidenzjalita' u wkoll tinżamm privata informazzjoni dwar fastidju sesswali/diskriminazzjoni u lmenti oħra mingħajr ma jiġi kompromess l-istħarriġ.

Apparti minn hekk, ittieħdet deċiżjoni fejn qed tinżamm laqgħa kull sitt xhur mal-bqija tal-membri tal-Kummissjoni biex il-membri kollha jinżammu infurmati dwar l-ilmenti li jkunu daħlu kif ukoll deċiżjonijiet li jkunu ittieħdu mis-sotto-kumitat dwarhom.

**TALBIET GĦALL-INFORMAZZJONI**

Nistgħu ngħidu li din is-sena ma kinitx differenti minn snin oħra għan-numri kbar ta' talbiet għall-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni. L-istaff ta' l-NCPE ħadem fuq dawn it-talbiet b'mod effettiv u kemm jista' jkun malajr. In-numru reali ta' talbiet u x-xogħol involut f'kull risposta li tingħata, ma jiġix rifless fin-numru ta' talbiet għall-informazzjoni li jiġu reġistrati kull tliet xhur. Fil-fatt, l-NCPE qed tiżviluppa u tesplora mezzi kif possibilment kull talba għall-informazzjoni tiġi reġistrata. Qed tiġi kkunsidrata l-ideja li kull talba għall-informazzjoni tintalab permezz ta' email, dejjem sakemm dan huwa possibli, biex b'hekk ikun jista' jiġi iddeterminat b'mod aħjar l-ammont ta' xogħol kif ukoll kemm-il darba tintalab ċertu tip ta' informazzjoni. Dan qed isir mhux biss biex jiġi kkwantifikat ix-xogħol involut biex jingħataw it-tweġibiet iżda wkoll biex l-NCPE tkun f'pożizzjoni aħjar li tidentifika l-prijoritajiet biex timxi fuqhom għal azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-ġejjieni inkluz f'livell ta' policies, li jkunu ibbażati fuq it-talbiet tal-pubbliku.

It-talbiet għall-informazzjoni ġew minn sorsi varji. Fost dawn insibu:

- Impjegati fis-Servizz Pubbliku
- Maniġers tar-Riżorsi Umani kemm mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat
- Membri tal-Kumitati għall-Ugwaljanza tal-Ġeneru ta' kull Ministeru
- Il-midja
- Il-pubbliku ġenerali

Għad li dawn it-talbiet għall-informazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala lmenti uffiċjali, ħafna drabi jkunu l-bidu li jwassal biex jiġi ppreżentat ilment uffiċjali u jgħinu wkoll biex l-NCPE tieħu azzjoni ma' l-awtoritajiet rilevanti biex jiġu irranġati sitwazzjonijiet partikolari fejn għadu jeżisti nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Dawn it-talbiet għall-informazzjoni saru dwar firxa kbira ta' suġġetti. Fost dawn insibu:

- Miżuri favur il-familja (*leave* tal-maternita', sigħat imnaqqsa, *parental leave*, ħinijiet flessibli)
- Proġetti ta' l-UE
- Proviżjonijiet fil-Liġi Maltija dwar l-ugwaljanza, incluż Kap. 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u Kap. 452 Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.
- Direttivi ta' l-UE dwar diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi
- Il-proċedura li timxi fuqha l-NCPE biex tmexxi l-ilmenti li jaslu
- Statistika dwar suġġetti differenti
- It-tqassim ta' ħinijiet flessibli
- Prattiċi diskriminatorji fil-proċeduri ta' separazzjoni fiż-żwieġ
- Formuli tal-Gvern li jinkludu kemm in-nisa u kemm l-irġiel
- Pensjonijiet u benefiċċji soċjali oħra
- Kundizzjonijiet tax-xogħol
- Fastidju sesswali
- Publikazzjonijiet varji

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Matul l-2006, l-NCPE irrispondiet għal 39 Mistoqsija Parlamentari li kienu dwar:

- 16386 - Konsulenzi
- 16399 – *Mobile Phones*
- 16412 – Ospitalita'
- 16425 – Diretturi/Chairpersons
- 16490 – Taxxi/Tariffi
- 16616 – Entitajiet Pubbliċi
- 16625 – Ħaddiema
- 16653 – Entitajiet Pubbliċi

- 16894 – Safar
- 17032 – Kuntratturi
- 17083 – Xiri ta' Karozzi
- 17096 – Safar
- 17157 – Fjuwil
- 17309 – Inizzjattivi f'Għawdex
- 17465 – Karozzi
- 17632 – Kiri ta' Karozzi
- 18304 – Xiri/Kiri ta' Propjeta'
- 18420 – Avukati/Nutara
- 18366 – *Mobile Phones*
- 18829 – Propjeta'
- 18831 – Propjeta'
- 18835 – Sejħa għall-Applikazzjonijiet
- 18836 – Uffiċjali li jsiefru barra minn Malta fuq xogħol
- 18839 – Mainteniment tal-karozzi tal-Gvern
- 19196 – Safar
- 19252 – Fjuwil
- 19265 – Karozzi
- 19759 – Impjegati fis-Servizz Pubbliku
- 20027 – Konsulenzi
- 20240 – Cyberspace Solutions Ltd
- 20516 – Rapporti
- 19861 – ĊĊ tal-karozzi
- 20863 – Kiri ta' karozzi
- 21386 – Kiri ta' karozzi
- 21390 – Ospitalita'
- 21409 – Aġenziji tar-Reklamar
- 21501 – Delegazzjonijiet fuq safar
- 21741 – Kuntratti
- 22298 – Impjegati

L-informazzjoni kollha mitluba ingħatat fiż-żminijiet stipulati.

**Il-Librerija**

Matul l-2005, kien hemm bosta persuni li utilizzaw il-librerija ta' l-NCPE kemm permezz tas-self ta' kotba u ġurnali kif ukoll billi ħadu kopji ta' partijiet minn materjal li jinstab fil-librerija skond is-suġġetti relatati mar-riċerka tagħhom. L-iktar li sselfu kotba kienu dwar vjolenza domestika, ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-media, nisa fis-suq tax-xogħol, in-nisa u s-saħħa, in-nisa u l-politika u fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Matul din is-sena iddaħħlu fil-librerija 242 publikazzjoni ġdida. Bħalissa fil-librerija b'kollox hemm 5813 dokument, li jinkludu kotba, ġurnali u artikli dwar suġġetti varji iżda li l-maġġoranza tagħhom jiffukaw fuq letteratura relatata ma' kwistjonijiet ta' ġeneru. Min jixtieq ikollu aċċess għal-librerija, jista' jagħmel dan permezz ta' l-Internet.

Għalhekk, min jixtieq jara l-librerija online irid japplika għal e-ID mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jew xi fergħa ta' dan id-Dipartiment f'kull lokalita', jew inkella minn xi Kunsilli Lokali li wkoll joffru din il-faċilita'. Permezz ta' dan l-e-ID, min japplika jkollu aċċess għal kull tip ta' servizz li huwa mogħti *online* mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali.

***Website***

Is-sit ta' l-Internet uffiċjali ta' l-NCPE www.equality.gov.mt ilu mwaqqaf għal madwar sena wara li ġie varat pubblikament fis-5 ta' Jannar 2006 waqt il-Konferenza Annwali ta' l-NCPE u fil-fatt irnexxa fl-għan li jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku bl-aħħar informazzjoni li tkun aċċessibli dwar l-NCPE, is-servizzi li toffri u l-proġetti kif ukoll permezz ta' dan is-sit hemm *link* diretta li permezz tagħha tista' tintalab informazzjoni direttament.

Il-*website* hija maqsuma f'diversi fergħat li jinkludu:

- **Dwarna**

F'din il-parti hemm informazzjoni dwar il-Kummissjoni innifisha, min huma l-membri, l-Iskop u l-Għanijiet tax-xogħol tal-Kummissjoni

- **Servizzi**

Din is-sezzjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi li huma offruti mill-NCPE bħal per eżempju l-għotja ta' informazzjoni u aċċess għall-librerija. Barra minn hekk, f'din il-parti wkoll, hemm informazzjoni dwar il-proċedura li tħaddan il-Kummissjoni, meta tirċievi l-ilmenti kif ukoll il-formola li permezz tagħha persuna tista' tressaq ilment quddiem l-NCPE.

- ***Quality Service Charter***

Din il-parti tipprovdi informazzjoni dwar kif persuna tista' tagħmel kuntatt ma' l-NCPE u l-proċeduri li tuża l-Kummissjoni f'każ ta' talba għal informazzjoni jew preżentazzjoni ta' ilment.

- **Riżorsi**

F'din is-sezzjoni persuna tista' taċċessa u tniżżel dokumenti varji inkluż ir-Rapporti Annwali tal-Kummissjoni kif ukoll dokumenti bħal Sexual Harassment – A Code of Practice.

- **Liġijiet**

Il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ugwaljanza huma miġbura lkoll f'din il-parti fejn jistgħu jiġu użati mill-pubbliku.

- **Proġetti**

Il-parti dwar il-proġetti fiha deskrizzjoni qasira ta' kull proġett u l-istadju li l-NCPE tkun waslet fih fit-twettiq ta' kull proġett. Waqt il-proċess li jkun qed isir proġett, se jiġu żviluppati links għas-siti ta' l-imsieħba fil-proġett.

- **Fil-Midja**

Din is-sezzjoni tikkonsisiti f'arkivju tal-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni fil-midja bħal per eżempju artikli u ittri li jintbagħtu lill-gazzetti.

- **Ikkuntattjana**

F'din il-paġna nsibu formola online li tipprovdi mezz ieħor kif il-pubbliku jista' jikkomunika ma' l-NCPE permezz ta' l-Internet. Insibu wkoll il-mezzi l-oħra kollha kif persuna tista' tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni.

- ***Links***

Din is-sezzjoni tinkorpora ammont ta' links ta' interess dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jinkludu: link dwar l-użu ta' lingwaġġ newtrali, links għal aġenziji internazzjonali oħra li jippromwovu l-ugwaljanza kif ukoll links għad-Direttivi ta' l-UE li jittrattaw l-ugwaljanza fost l-oħrajn.

**Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni (FETE)**

Għal dan il-proġett inħoloq sit ta' l-internet apposta, www.fete.org.mt. Dan is-sit huwa immirat lejn persuni li huma attivi fil-qasam edukattiv kif ukoll f'dak ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. F'dan is-sit insibu *forum online* fejn jiġu diskussi suġġetti relatati ma' rapporti li joħorġu minn dan il-proġett kif ukoll jiġu diskussi temi oħra li joħorġu mis-suġġett. Barra minn hekk, fuq dan is-sit insibu wkoll informazzjoni fuq l-imsieħba tal-proġett kif ukoll dwar attivitajiet relatati miegħu.

Fis-16 ta' Novembru 2006 ġie inawgurat sit ieħor ta' l-internet waqt il-Konferenza ta' l-Għeluq tal-'FETE',www.ugwali.com, li huwa immirat speċifikament lejn tfal/studenti. L-għan ta' dan is-sit huwa li jilħaq firxa akbar ta' persuni u jwassal iktar informazzjoni relatata mal-proġett. F'dan is-sit hemm il-possibilta li t-tfal jiktbu dwar l-avventuri tagħhom ta' kuljum u jpoġġu t-tpinġijiet tagħhom fuq is-sit. Fih insibu wkoll logħob edukattiv u *fact sheets* u informazzjoni dwar il-familja D'Ugwali. Din il-familja inħolqot mill-NCPE biex ikunu jistgħu jiġu ndirizzati l-isterjotipi ezistenti abbażi ta' sess b'mod aktar faċli biex jinftiehmu mit-tfal.

**EQUAL Website**

Dan is-sit ġie miżjud mal-*website* uffiċjali ta' l-NCPE http://equality.gov.mt . Fil-fatt insibu informazzjoni u l-għanijiet ta dan il-proġett kofinanzjat mill-UE EQUAL No. 4 – '*Promoting EQUAL Opportunities through Empowerment*'. F'dawn il-paġni nsibu qafas ta' l-objettivi prinċipali u flimkien ma' lista ta' attivitajiet nazzjonali organizzati fi ħdan il-proġett. L-NCPE qed tmexxi ***GenderRole***, li huwa l-isem tas-Sħubija Nazzjonali li hija komposta minn tlettax-il entita'. F'dawn il-paġni, fil-fatt insibu informazzjoni dwar kull entita' li qed tieħu sehem.

# PROĠETTI

Din is-sena l-NCPE kompliet issaħħaħ l-impatt tagħha permezz ta' użu tajjeb ta' proġetti kofinanzjati minn sorsi varji ta' fondi li jinkludu l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Ħames Programm Komunitarju ta' DG EMPL, il-Fond EQUAL, il-Fond għall-Koperazzjoni Teknika tal-*Commonwealth*, UNESCO u l-fond PKP ta' l-Ambaxxata Rjali ta' l-Olanda ġewwa Malta. Fil-fatt, matul l-2006, l-NCPE ħadmet fuq total ta' 12-il proġett differenti li kienu fi stadji differenti ta' żvilupp/implementazzjoni. Flimkien ma' dan, l-NCPE żviluppat l-istrateġija tagħha u issottomettiet numru ta' proposti għall-proġetti għall-perjodu ta' FSE li jmiss, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-2007-2013.

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-NCPE irnexxiela takkwista fondi għall-proġett li jismu *it-Twassil ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-Komunitajiet Lokali* f'kompetizzjoni missielta li kienet finanzjata direttament mid-DĠ ta' l-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. L-NCPE irnexxiela wkoll tiżgura fondi għat-tiġdid ta' l-istrateġija tagħha ta' *mainstreaming* tal-ġeneri permezz ta' l-iffinanzjament tal-proġett li jismu *L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali* li huwa wkoll kofinanzjat mill-FSE.

**Il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri – id-direzzjoni għall-ġejjieni *FSU Nru.23***

*Il-Mainstreaming tal-Ġeneri – id-direzzjoni għall-ġejjieni*, issa ġie fi tmiemu hekk kif dan kien l-ewwel proġett kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew li kien mirbuħ mill-NCPE wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. L-għan prinċipali ta' dan il-proġett kien li jżid il-parteċipazzjoni u l-avvanz tan-nisa fis-suq tax-xogħol primarjament permezz ta' l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri li javvanzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, kif ukoll miżuri favur il-familja. Għal dan il-għan, il-proġett nieda riċerka fuq l-introduzzjoni ta' miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol; analiżi tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; il-karrieri mittieħda u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' gradwati ġodda; kif ukoll proġett pilota ta' *teleworking.* Flimkien ma' din ir-riċerka, il-proġett ħaseb ukoll li jipprovdi kampanja ta' tisħiħ ta' l-għarfien u promozzjoni fuq *mainstreaming* bejn il-ġeneri fis-servizz pubbliku u setturi oħra.

Fil-prattika, wara l-pedamenti li kienu ssawru fl-2005, din is-sena kienet mimlija b'pubblikazzjonijiet varji li kienu qiegħdin kontinwament joħorġu mill-proġett permezz ta' konferenzi; sessjonijiet ta' taħriġ; laqgħat fi gruppi zgħar; kif ukoll fuq it-TV, radju u pubbliċità stampata waqt iż-żewġ fażijiet ta' implementazzjoni. Rapporti dettaljati tar-riċerka li saret u l-pubblikazzjonijiet informattivi li ġew żviluppati jinsabu fis-sezzjonijiet imsemmija *Riċerka* u *Tisħiħ ta' l-Għarfien* rispettivament.

L-ewwel fażi ta' implementazzjoni ta' dan il-proġett iffukat fuq l-iżvolġiment tar-riċerka fir-rigward ta' (1) miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol, (2) analiżi tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; (3) l-intraċċar tal-karrieri mittieħda minn gradwati ġodda; u (4) *teleworking.* Waqt din il-fażi, ixxerred għarfien fuq:

- Kap 456 Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa b'emfasi partikolari fuq kwistjonijiet ta' xogħol;
- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa (NCPE) u s-sistema tagħha ta' talbiet għall-informazzjoni u proċessar ta' l-ilmenti.

It-tieni fażi min-naħa l-oħra kienet karatterizzata minn:

- It-tnedija ta' 5 konferenzi u 3 sessjonijiet ta' taħriġ li xerrdu l-għarfien miksub permezz tar-riċerka;
- Il-pubblikazzjoniji tar-riżultati tar-riċerka;
- Il-proviżjoni tat-tieni fażi tal-kampanja pubbliċitarja li kienet tinkludi reklamar fuq it-TV u r-radju, kif ukoll permezz ta' materjal stampat.

Minbarra dan, sar ħafna xogħol sabiex jiġi promoss il-prinċipju ta' *mainstreaming* tal-ġeneri f'kull stadju ta' l-implementazzjoni tal-proġett. Rapport estensiv dwar dan ix-xogħol jinstab fis-sezzjoni imsejħa *Mainstreaming tal-Ġeneru.*

**Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz tad-Delegazzjoni tar-Responsabbilità u s-Setgħa *EQUAL Nru.4***

Dan il-proġett Nru.4 ta' l-EQUAL li jismu 'Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz tad-Delegazzjoni tar-Responsabbilità u s-Setgħa' huwa kofinanzjat mill-

Fond Soċjali Ewropew ta' l-UE. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jilħaq lis-settur tal-popolazzjoni Maltija li jinsab inattiv, partikolarment lin-nisa, u jinkoraġġihom sabiex isiru parti minn, jibqgħu u javvanzaw fis-suq tax-xogħol permezz ta' promozzjoni ta' opportunitajiet varji li jeżistu f'setturi differenti. Dan il-proġett għandu wkoll l-għan li jinkoraġġixxi persuni bla xogħol/inattivi li bħalissa qegħdin jaħdmu fl-ekonomija informali, partikolarment in-nisa, sabiex dawn jibdew jipparteċipaw fl-ekonomija formali.

Is-Sħubija msejħa 'GendeRole' hija mmexxija mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE). Din is-sħubija tinkludi: il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg (MEYE); Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST); Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħrig (ETC); Bord tal-Koperattivi; Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG); Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD); Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA); Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (NCW); L-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem (MEA); Federazzjoni ta' l-Industrija (FOI); Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM); u l-General Workers' Union (GWU).

<u>Dan il-proġett huwa kompost minn ħames stadji ta' żvilupp:</u>

1. Kumpilazzjoni ta' Informazzjoni

Kienet miġbura informazzjoni dwar is-sħab ta' żvilupp ta' dan il-proġett li kienet tinkludi l-possibilitajiet ta' taħriġ u impjieg li huma offruti minn dawn is-sħab fis-setturi rispettivi tagħhom. Din l-informazzjoni ġiet stampata u mqassma waqt is-seminars li kienu organizzati speċifikament għall-persuni inattivi.

2. Tifrix ta' Informazzjoni permezz tal-Midja

Serje ta' programmi fuq it-televiżjoni u r-radju, kif ukoll numru konsiderevoli ta' reklami b'għan soċjali kienu mxandra sabiex iwasslu informazzjoni dwar ir-*role models*, tagħrif dwar opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ u opportunitajiet fis-suq tax-xogħol. Is-serje ta' programmi 'Naħdem ... U Kif!' kienet imxandra waqt Marzu, April u Mejju 2006. Il-lingwa permezz tas-sinjali kienet offruta waqt il-programmi kollha tat-TV. (Aktar dettalji jinsabu fis-sezzjoni *Tisħiħ ta' l-Għarfien*).

3. Seminars fil-Kunsilli Lokali miftugħhin għall-pubbliku ġenerali

Dawn is-seminars kienu maqsuma fuq erba' reġjuni li inkludew it-Tramuntana, Ċentru u Nofsinhar ta' Malta, kif ukoll Għawdex. L-għan ta' dawn is-seminars kien li jiddeskrivi f'aktar dettall l-informazzjoni li kienet digà xterdet fuq il-midja u li jiġi spjegat b'mod prattiku l-mod li bih wieħed jew waħda jkun jista' jibbenefika minn opportunitajiet li jeżistu fis-setturi varji. Ir-*role models* intwerew bħala eżempji ta' bidla kostruttiva u suċċess. Waqt dawn is-seminars, kien imqassam kwestjonarju sabiex jinkiseb ir-rispons tal-parteċipanti. (Żur is-sezzjoni dwar *Tisħiħ ta' l-Għarfien* għal aktar informazzjoni).

4. Laqgħat ma' Min Iħaddem

Kien organizzat seminar ma dawk li jħaddmu, maniġers tar-riżorsi umani u r-rappreżentanti tagħhom sabiex tiġi mkejla s-sensittività ta' min iħaddem għax-xkiel li jaffaċċjaw in-nisa meta dawn ifittxu impjieg u n-nuqqas ta' għarfien ta' l-industrija għal dan ix-xkiel.

5. Formulazzjoni tal-Politika

L-aħħar fażi tal-proġett, li għandha titwettaq matul l-2007, tinvolvi l-fornulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet politiċi lill-gvern sabiex jiffaċilità l-opportunitajiet indaqs fuq il-bażi tal-ġeneru skond l-iżviluppi tal-proġett u dak li jkun ġie osservat matulu, kemm mill-esperjenzi tar-*role models*, kif ukoll minn dak li ħareġ waqt is-seminars għall-imsieħba soċjali.

***Sħubija Transnazzjonali***

Bħal ma huwa mistenni minn kull proġett ta' l-EQUAL, dan il-proġett żviluppa l-għaqdiet transnazzjonali tiegħu.

**EMPOWER**

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jidentifika metodi li jippermettu t-tneħħija ta' xkiel reali jew maħluqa ta' gruppi marġinalizzati/dgħajfa, partikolarment in-nisa, permezz tal-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal nisa żvantaġġjati li jixtiequ

jidħlu fis-suq tax-xogħol. Is-sħab li jiffurmaw parti minn dan il-proġett jinkludu l-Italja, Spanja, l-Irlanda ta' Fuq, il-Litwanja u Malta. Ir-riżultati tal-proġetti nazzjonali se jiġu trasferiti bejn is-Sħab tal-Koperazzjoni Transnazzjonali (TCP).

Waqt dawn is-sentejn kienu organizzati laqgħat transnazzjonali oħra. It-tieni laqgħa transnazzjonali seħħet fil-Litwanja f'Marzu, waqt li t-tielet laqgħa ġiet organizzata f'Malta f'Settembru.

***AGEnder***

L-għan ta dan il-proġett huwa li jindirizza d-diskriminazzjoni abbażi ta' l-età u l-ġeneru. L-iskop huwa li tiżdied ir-rata ta' impjieg ta' persuni avvanzati fl-età, partikolarment in-nisa, permezz ta' promozzjoni ta' prattiċi tajba fil-qasam ta' l-immaniġjar ta' l-ugwaljanza fir-rigward ta' l-età u l-ġeneru, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali. Il-pajjiżi sħab f'dan il-proġett jikkonsistu fil-Portugal, Franza, u Malta.

L-ewwel laqgħa transnazzjonali ta' AGEnder fl-2006 kienet organizzata ġewwa Malta, waqt li t-tieni laqgħa transnazzjonali kienet organizzata ġewwa Lisbona, l-Portugal.

**Niffacilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni *VP/2004/019***

*Niffacilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni* kien sottomess b'suċċess waqt l-2004 fir-rigward tas-sejħa annwali għal proposti mill-*Programm li jirrelata ma l-Istrategija tal-Qafas tal-Kommunità fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri.* Il-prijorità tas-sejħa ta' l-2004 kienet iffukata fuq ir-rwol ta' l-irġiel fil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, partikolarment ir-rwol ta' l-irġiel u l-missierijiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja familjari. L-NCPE kien allura deherilha li l-aħjar mod sabiex tindirizza l-iżbilanċ tar-rwoli kien permezz ta' l-edukazzjoni formali. Fil-fatt, l-iskop ta' dan il-proġett kien li jgħin sabiex tiġi żviluppata kultura li tippermetti kemm lill-irġiel u anke n-nisa li jilħqu l-aspirazzjonijiet kollha tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma karriera u ħajja familjari.

Il-proġett kien intenzjonat li jikkoreġi ir-rwoli tal-ġeneru u sterjotipi li jiffurmaw parti mill-proċess formali ta' l-edukazzjoni, u li jwassal studenti ta' l-iskejjel primarji u sekondarji sabiex jaspiraw irwieħom għal rwol fix-xogħol u l-ħajja privata li huwa influwenzat mill-ġeneru tagħhom minflok l-interessi u l-kapaċitajiet tagħhom. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, kemm min ifassal id-direzzjoni politika, għalliema u anke studenti iridu jiġu sensitizzati għall-bżonn ta' aktar ugwaljanza, kif ukoll il-bżonn ta' l-l-irġiel u l-missirijiet li jiġu rresponsabbilizzati sabiex jieħdu ħsieb ta' numru ta' xogħolijiet li għadhom meqjusa bħala r-responsabbilità tal-mara/omm. Għal dan il-għan id-Dipartiment ta' l-Immaniġjar tal-Kurrikulu u l-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ġewwa l-Università ta' Malta issieħbu fil-proġett u taw sehemhom fl-implementazzjoni tal-proġett. Kienu organizzati serje ta' seminars ta' taħriġ fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja għall-għalliema, kif ukoll studenti tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni. L-għalliema kienu mħeġġa sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ta' ġeneru b'referenza għal eżempji varji. Huma kienu wkoll imħeġġa sabiex iħallu s-subien u l-bniet ikollhom aċċess għall-materjal edukattiv kollhu. L-għalliema kienu wkoll imħeġġa sabiex jużaw lingwaġġ newtrali minn referenzi lejn il-ġeneri meta huma jkunu qed jagħmlu preżentazzjoni dwar ir-responsabbilitajiet ta' xogħol u tal-familja. Aktar dettal dwar l-inizjattivi ta' taħriġ ta' l-għalliema jinstab fis-sezzjoni *Inizzjattivi ta' Taħriġ.*

Flimkien mal-proġett lokali, l-NCPE żviluppat ukoll proġett transnazzjonali flimkien mal-Koalizzjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (Latvja) u l-Makkinarju Nazzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa (Ċipru) sabiex tanalizza il-politiki edukattivi tat-tlett pajjiżi u jiġu identifikati l-ahjar prattiċi u miżuri oħra li jsaħħu l-ugwaljanza fis-settur ta' l-edukazzjoni. Kull sieħeb transnazzjonali bena tim ta' esperti sabiex imexxi l-istudju rispettiv għall-pajjiż koncernat sabiex janalizza dak li huwa tajjeb u n-nuqqasijiet li jeżistu. Dawn l-imsieħba għamlu wkoll studju dwar it-*textbooks* u l-kurrikula nazzjonali sabiex jaraw jekk dawn għandhomx jiġu kkoreġuti jew saħansitra mibdula ma' oħrajn li jagħtu aktar attenzjoni sabiex joffru bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja kemm għall-irġiel u anke għan-nisa. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka huma trattatti f'aktar dettal fis-sezzjoni ta' *Riċerka*. Din is-sħubija transnazzjonali iltaqgħet tliet darbiet matul l-implementazzjoni ta' dan il-proġett. Matul l-2006, is-sħubija itaqgħet fi Frar ghat-Tieni Laqgħa ta' Gwida u f'Novembru għall-

Konferenza Finali, waqt liema konferenza kienu diskussi r-riżultati tal-proġett u maqsuma mal-pubbliku. Rapport dettaljat dwar dawn il-Laqgħat jinstab fis-sezzjoni tal-*Konferenzi.*

Lejn l-ahhar tal-proġett, il-materjal li ġie żviluppat, li jikkonsisti fi' ktejjeb tat-tpinġija, logħoba fuq CD, stikers, *bookmarks*, u materjal promozzjonali ieħor li jippromwovi l-ugwaljanza kien imqassam lil tfal ta' l-iskola waqt attività li kienet organizzata fuq perjodu ta' tlett ijiem. Il-pubbliku kien mistieden jattendi sessjoni ta' siegħa ta' teatru interattiv li kien jirrigwarda sitwazzjonijiet differenti li jinqalgħu fil-familji. L-intenzjoni ta' dan it-teatru kienet illi jrawwem fl-udjenza mudell ta' familja simettrika.

**<u>Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilità taż-Żewg Sessi *VP/2004/019*</u>**

Dan il-proġett immexxi minn Ċipru li jismu Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilità taż-Żewg Sessi kien sottomess b'suċċess mill-Makkinarju Nazzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa (Ċipru) fir-rigward tas-sejħa ta' l-2004 tal-Kummissjoni Ewropea li kienet iffokata fuq ir-rwol ta' l-irġiel fil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, partikolarment ir-rwol ta' l-irġiel u l-missirijiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja familjari.' [5] Fi ħdan dawn il-linji gwida, il-promoturi tal-proġett għazlu li jipromwovu l-irwoli tal-ġeneri fl-iskejjel primarji u sekondarji li huma ħielsa mill-isterjotipi. Dan il-proġett huwa simili ħafna għall-proġett Malti, *Niffacilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni* imsemmi aktar 'il fuq.

L-NCPE kienet mitluba sabiex tingħaqad fis-sħubija transnazzjonali ta' dan il-proġett, u min-naħa tagħha l-Kummissjoni aċċettat bi ħġarha għaliex dan il-proġett kien se jsaħħaħ ir-riżultati tal-proġett Malti. Kien maħsub ukoll li dan il-proġett kien se jgħin lill-NCPE sabiex titgħallem mill-mod kif organizzazzjonijiet oħra jimplimentaw il-proġetti tagħhom. Is-sħab transnazzjonali ta' dan il-proġett kienu c-Ċentru ta' Riċerka għall-Ugwaljanza tal-Ġeneri (KETHI) mill-Greċja, u l-Provinċja ta' Rovigo mill-Italja.

[5] Din kienet l-istess sejħa li għaliha l-NCPE issottomettiet *Niffacilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni*.

L-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett kienet organizzata f'Novembru 2005 sabiex tistabilixxi b'mod ċar id-doveri u dmirijiet ta' kull organizzazzjoni fis-sħubija. Kull pajjiż kien mistenni li jorganizza konferenza mmirata għall-għalliema u persuni oħra li huma nvoluti fis-settur ta' l-edukazzjoni sabiex tixxerred informazzjoni fuq l-aħjar prattiċi li jiġu identifikati fil-pajjiżi parteċipanti.

L-ewwel konferenza minn sensiela ta' erbgħa kienet organizzata ġewwa Malta. Din il-konferenza kienet suċċess kbir għaliex aktar minn 100 kapijiet ta' l-iskejjel u għalliema attendew din il-konferenza li trattat ix-xogħol siewi li qed isir mid-Dipartiment għall-Immaniġjar tal-Kurrikulu, it-tgħalim siewi li qed tgħati l-Fakultà ta' l-Edukazzjoni dwar ekwità bejn il-ġeneri, il-qsim tar-responsabbilitajiet tal-ġenituri, u s-sistema edukattiva ta' Cipru fost l-oħrajn. (*ara wkoll* Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilità taż-Żewg Sessi *fis-sezzjoni* **Konferenzi ta' l-NCPE**). Laqgħat simili seħħew f'Ateni fil-Greċja u f'Rovigo l-Italja, waqt liema laqgħat kienu organizzati konferenzi għall-għalliema u profesjonisti oħra fis-settur ta' l-edukazzjoni sabiex jiżdied l-għarfien tal-proġett. L-aħħar konferenza tal-proġett inżammet f'Ċipru, waqt liema konferenza l-aħjar prattiċi, riżultati tar-riċerka u l-għodod pedagoġiċi żviluppati kienu preżentati lill-pubbliku fid-dettal. (*ara wkoll* Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilità taż-Żewg Sessi *fis-sezzjoni* **Konferenzi Internazzjonali**).

***L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali - ESF No.46***

*L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali* kien approvat f'April u irċieva 75% tal-finanzjament tiegħu mill-Fond Soċjali Ewropew, bil-baġit totali tal-proġett ilaħħaq €290,000. L-implementazzjoni ta' dan il-proġett bdiet f'Ottubru u se tiġi fi tmiemha f'Settembru 2007. Dan il-proġett għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni u l-avvanz tan-nisa fis-suq tax-xogħol primarjament billi jikkoreġi xkiel strutturali li jinsab f'numru ta' Kodiċi u Atti tal-liġi Maltija li qed ixekklu lin-nisa milli jidħlu, jibqgħu u/jew javvanzaw fid-dinja tax-xogħol. Dan il-proġett beħsiebu jikkomplementa din l-attività permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ u t-tixrid ta' l-informazzjoni.

Dan il-proġett huwa maqsum f'erba' (4) partijiet:

a) Studju tal-liġijiet preżenti li jirrigwardaw l-edukazzjoni, impjieg u taħriġ, sigurtà soċjali u tassazzjoni, kriminali, ċivili u tal-familja;

b) Żviluppar ta' rakkomandazzjonijiet għall-*mainstreaming* tal-ġeneri fil-liġiżlazzjoni Maltija sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza fl-oqsma u l-attivitajiet varji;

c) L-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-leġiżlaturi u individwi/entitajiet li jipprovdu servizzi legali (partikolarment dawk li jifformulaw dokumenti legali);

d) L-ghoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal maniġers tar-rizorsi umani (kemm dawk tas-servizz pubbliku kif ukoll dawk tas-settur privat) fuq il-prinċipju tal-mainstreaming tal-ġeneru u l-leġiżlazzjoni relevanti ta' l-Ewropa u ta' Malta.

L-għanijiet prinċipali ta' *L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali* huma:

- Li jinkorpora l-prinċipju ta' *mainstreaming* tal-ġeneri f'numru ta' Kodiċi u Atti ta' Legiżlazzjoni Maltija li tirigwarda l-edukazzjoni, impjieg u taħriġ, sigurtà soċjali u tassazzjoni, kriminali, ċivili u tal-familja;
- Li ssaħħah l-iżvilupp tal-*mainstreaming* tal-ġeneri fuq livell nazzjonali;
- Li jqiegħed il-pedamenti sabiex jiżdied in-numru ta' nisa li jipparteċipaw fis-soċjetà in ġenerali, partikorarment fis-suq tax-xogħol;
- Is-sensibilizzazzjoni tal-leġiżlaturi, provedituri ta' servizzi legali u maniġers tar-riżorsi umani għall-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-*mainstreaming* tal-ġeneri.

Dan il-proġett se jipproduċi tliet *toolkits* li se jiġu żviluppati speċifikament għal-leġiżlaturi u provvedituri ta' servizzi legali u maniġers tar-riżorsi umani sabiex jiġu mferrxa r-riżultati tal-proġett u jsostnu t-taħriġ li se jiġi provdut.

**Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversità *VT/2006/009***

Waqt l-2005, żewġ membri tal-NCPE kienu ingħaqdu ma grupp ta' sitt Maltin li jħarrġu fuq l-ugwaljanza fuq diversi oqsma li joħorgu minn Dir 2000/43/EC and Dir 2000/78/EC. Huma kienu ppartecipaw fi proġett li kien mifrux ma' l-Ewropa kollha u jismu *Investiment fil-Kapaċità tas-Soċjetà Ċivili li Titratta l-Anti-Diskriminazzjoni*,

liema proġett kien iprovvda taħriġ ta' dawn is-sitt parteċipanti Maltin bil-ħsieb li dawn min-naha tagħhom jipprovdu taħriġ lokalment permezz tal-tagħrif li kienu kisbu. Dan it-taħriġ kien ġie provdut ġewwa l-Università ta' Malta lil numru ta' membri attivi ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Din is-sena, l-Human European Consultancy Group bi sħubija mal-Migration Policy Group issottometta proġett fir-rigward tas-sejħa għall-proposti *VT/2006/009 – Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversità*, u dawn avviċinaw lill-NCPE sabiex isservi bħala l-koordinatur Malti ta' din il-proposta. Dan il-proġett se jipprovdi taħriġ fuq l-anti-diskriminazzjoni u l-immaniġjar tad-diversità f'31 pajjiż Ewropew (il-pajjizi ta' l-EU-25, pajjiżi kandidati għall-EU, u pajjiżi ta' l-EAA).

Fuq livell nazzjonali, dan il-proġett huwa intiż sabiex jipprovdi żewg seminars ta' jumejn-il wieħed sabiex tiġi promossa l-anti-diskriminazzjoni ma' l-NGOs u l-Unjins (se jiġi organizzat seminar fl-2007 u ieħor fl-2008). L-għan ta' dawn is-seminars hu li tiġi provduta kapaċità addizzjonali ma dak li kien provdut waqt il-proġett *Investiment fil-Kapacità tas-Soċjetà Ċivili li Titratta l-Anti-Diskriminazzjoni,* u allura jkompli jsaħħaħ l-għarfien fuq l-anti-diskriminazzjoni. Bl-istess mod, f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ dwar l-immaniġjar tad-diversità, fl-2008 dan il-proġett se jipprovdi seminar ta' ġurnata li se jkun intiż għal għaqdiet ta' min iħaddem, kumpaniji kbar u SMEs.

F'Novembru, il-Kummissjoni Ewropea għażlet din il-proposta bħala l-aħjar waħda mit-tenders li kienu sottomessi, u allura kien konfermat ir-rwol ta' l-NCPE f'dan il-proġett li kien formalizzat permezz ta' l-iffirmar ta' kuntratt mal-Human European Consultancy. Il-proġett huwa maħsub li se jiġi implementat fuq perjodu ta' 18-il xahar, u kien inawgurat f'Jannar 2007 – flimkien ma' l-inawgurar tas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs. Huwa maħsub li dan il-proġett se jikseb udjenza aktar wiesgħa minn *Investiment fil-Kapacità tas-Soċjetà Ċivili li Titratta l-Anti-Diskriminazzjoni* u allura għandu jkompli jsaħħaħ l-għarfien nazzjonali dwar in-non-diskriminazzjoni u l-immaniġjar tad-diversità.

**<u>L-Għarfien ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fuq Livell Lokali *VP/2005/021*</u>**

Matul April ta' din is-sena, l-NCPE ssottomettiet b'suċċess it-tieni applikazzjoni tagħha fir-rigward tas-sejħa għall-offerti maħruġa mid-DG EMPL fir-rigward ta' l-*Istrategija tal-Qafas tal-Kommunità fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri.* It-tema ta' prijorità ta' din is-sena kienet 'il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, partikolarment fiż-żvilupp lokali'.

Fir-rigward ta' din it-tema ta' prijorità, l-NCPE żviluppat proġett bit-titlu ta' *L-Għarfien ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fuq Livell Lokali.* Dan il-proġett kien intiż sabiex jippromwovi l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-*mainstreaming* tal-ġeneri fl-iżvilupp lokali permezz ta' kampanji edukattivi u ta' pubbliċità li se jkunu implementati permezz tal-Kunsilli Lokali. L-intenzjoni wara dan il-proġett hija li l-pubbliku ġenerali isir aktar konxju mid-diffikultajiet u limitazzjonijiet li r-rwoli tal-ġeneri u l-isterjotipi joħolqu fl-attivitajiet ta' kuljum. Dan il-proġett għandu wkoll l-intenzjoni li jsawwar fis-soċjetà kultura ta' ugwaljanza. Sabiex jintleħqu dawn l-għanijiet, organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq livell lokali u/jew reġjonali, organizzazzjonijiet reliġjużi u finalment iċ-ċittadini nfushom se jkunu sensibilizzati fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza u se jsir sforz biex huma jaħdmu flimkien sabiex jtejbu l-kundizzjonijiet tal-komunitajiet li jgħixu fihom.

Sabiex jintleħaq dan l-objettiv, kif ukoll sabiex jiġi żgurat li l-proġett jippromwovi u jxerred il-valuri u l-prattiċi ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kull komunità, se jiġu zviluppati għodda (bħal preżentazzjonijiet u materjal pubbliċitarju ieħor) li se jservu sabiex iċ-ċittadini jiddiskutu r-rwoli pubbliċi u privati tan-nisa u l-irġiel. Fl-istess perjodu, l-NCPE se tistieden kantanti popolari, mużiċisti u artisti teatrali sabiex ikunu parti minn dan il-proġett u jgħaddu messaġġi favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri waqt avvenimenti varji li se jkunu organizzati mill-Kunsilli Lokali.

Flimkien mall-proġett nazzjonali, l-proġett beħsiebu jagħmel riċerka sabiex ifittex prattiċi tajbin li qed jiġu wzati minn Stati Mediterranju u Ewropej oħra sabiex jippromwovu l-ugwaljanza. L-għarfien li se jiġi miksub imbgħad se jiġi promoss b'mod wiesgħa sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. L-intenzjoni

wara dawn l-objettivi hija li jiġi assessjat il-livell ta' impenn li l-pajjiżi partecipanti u l-livelli varji ta' gvernar (li jinkludu minn dak nazzjonali sa dak lokali) li dawn ghandhom fir-rigward ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jippreżentalhom soluzzjonijiet għal problemi ta' diskriminazzjoni u sterjotipi li jista' jkun li għandhom. F'dan il-proġett l-NCPE ghandha erba' msieħba li jinkludu lil *Dipartimento per i Diritti e le Pari Opportunità* (mill-Italja); *Comissão Para a Igualdade e para os Direitos das Mulheres* (mill-Portugal); *Governmental Office for Gender Equality of the Republic of Croatia (mill-Kroazja);* u *Research Centre for Gender Equality* (KETHI) (mill-Greċja).

F'Lulju, l-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-NCPE li hi kienet għażlet li tisponsorja l-proġett u l-baġit li kien ġie allokat għalih kien ta €480,626.51 (Lm206,333). L-implementazzjoni ta' dan il-proġett bdiet f'Diċembru ta' din is-sena u se tiġi fi tmiemha fi Frar 2008.

**<u>In-Nisa fl-Iżvilupp *VP/2005/021*</u>**

*In-Nisa fl-Iżvilupp* (W.in.D) kien sottomess mid-*Dipartimento per i Diritti e le Pari Opportunità* ta' l-Italja bħala l-promotur prinċipali tal-proġett, filwaqt li l-NCPE hija waħda mill-imsieħba transnazzjonali. Dan il-proġett kien sottomess fl-istess sejħa li fiha l-NCPE issottomettiet *L-Għarfien ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fuq Livell Lokali.*.

*W.in.D* huwa karatterizzat minn tliet fażijiet prinċipali:

a) Riċerka msemmija 'Analiżi komparattiva tal-kuntesti u l-esperjenzi ta' żvilupp lokali fl-Ewropa' li se tħares lejn l-istrateġiji li qed jgħinu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi ta' żvilupp lokali; kuf ukoll strateġiji li qed jgħinu l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-mainstreaming tal-ġeneru fil-proċess ta' żvilupp lokali fil-pajjiżi msieħba u fil-bqija ta' l-Unjoni Ewropea

b) Ir-riżultati tar-riċerka għandhom imbgħad iwasslu għad-'disinn u l-implementazzjoni tal-"mudell ta' intervent Ewropew"'. L-iskop ta' dan il-mudell huwa li jgħin il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp lokali, kif ukoll l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' *mainstreaming* tal-ġeneru.

c) L-iddisinjar u produzzjoni ta' linji gwida' fil-forma ta' Manwal ta' l-Aqwa Prattici

Ir-rwol ta' l-NCPE f'dan il-proġett huwa, primarjament, li tmexxi riċerka għall-aħjar prattiċi fuq livell lokali li jkunu jistgħu jiġu implementati f'partijiet oħra ta' l-Ewropa sabiex ixxerred il-*mainstreaming* tal-ġeneru. L-NCPE se tkun mistennija wkoll li tippartecipa b'mod attiv fil-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija u li torganizza diskussjoni ma rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet varji li jaħdmu fuq livell lokali fuq modi li bihom imexxu 'il quddiem il-prinċipju ta' *mainstreaming* tal-ġeneru, kif ukoll kif huma jistgħu jimplimentawh fl-istrutturi organizzattivi tagħhom u fil-mod kif jipprovdu l-prodotti u servizzi tagħhom.

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' dan il-proġett kienet organizzata f'Ruma fis-27 ta' Ottubru fl-uffiċju tad-Dipartimento per i Diritti e le Pari Opportunità, waqt liema laqgħa kienu diskussi l-parametri tal-proġett, u d-delegati qablu fuq skeda tentattiva għall-iżvilupp tal-materjal tal-proġett (*ara wkoll* L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Proġett W.IN.D *fis-sezzjoni* **Konferenzi Internazzjonali**).

**<u>Mużajk – Magħqudin fid-Diversità *VP/2006/006*</u>**

F'Ottubru, l-NCPE issottomettiet proposta ta' proġett li jismu *Mużajk – Magħqudin fid-Diversità* lil Kumitat Nazzjonali ta' Implementazzjoni (Malta) fid-dawl ta' *VP/2006/006* li kienet sejħa għal proposti għal entitajiet li riedu jimplementaw proġett waqt is-Sena ta' Opportunitajiet Indaqs. F'din il-proposta NCPE tilgħab ir-rwol tal-mexxej ta' l-azzjoni li kienet żviluppata flimkien ma 9 imsieħba oħra li flimkien jiffurmaw in-*Network* Mużajk. Dan in-*network* kostitwit min-numru ta' organizzazzjonijiet Maltin li ġejjin minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet li jikkumbattu d-diskriminazzjoni u jinkludu: l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal*;* *European Network Against Racism* (ENAR); Federazzjoni Maltija għall-Organizzazzjonijiet Persuni b'Dizabilità; Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani (KNA); Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ); *Malta Confederation of Women's*

*Organisations* (MCWO); *Malta Gay Rights Movement* (MGRM); *National Council of Women* (NCW); u *National Youth Information Centre* (NYIC). Dawn l-oganizzazzjonijiet kollha bejniethom ikopru is-sitt karatteristiċi li fuqhom l-Unjoni Ewropea ma tippermettix diskriminazzjoni.

L-objettivi prinċipali ta' dan il-proġett huma:

- Li jiġu indirizzati l-bizgħat u ħsibijet żbaljati li jwasslu għad-diskriminazzjoni;
- Li jiżdied l-għarfien fuq id-diskriminazzjoni u l-impatti negattivi li din għandha fuq l-individwi u s-soċjetà in ġenerali
- Li tiġi organizzata kampanja ta' promozzjoni ta' ugwaljanza u non-diskriminazzjoni li tkopri b'mod ugwali s-sitt karatteristiċi ta' non-diskriminazzjoni
- Li tinħoloq pjattaforma ta' organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza sabiex tgħin lill-organizzazzjonijiet individwali jilħqu udjenza aktar wiesgħa filwaqt illi jżid il-koperazzjoni u jnaqqsu id-dupplikazzjoni tax-xogħol li jsir minnhom
- Sabiex jiġi provdut eżerċizzju ta' taħriġ għal min ser iħarreġ oħrajn dwar il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u d-dritt ta' kulħadd għall-opportunitajiet indaqs

Ta' min wieħed isemmi li dan il-proġett se jiġi koordinat b'mod demokratiku mill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha li jiffurmaw in-*Network* Mużajk, sabiex jiġi żgurat li kull qasam ikun rappreżentat indaqs u li kull organizzazzjoni f'dan in-network tingħata leħen.

Ta' min wieħed isemmi li *Mużajk – Magħqudin fid-Diversità* huwa maħsub sabiex jilħaqq l-aktar firxa wiesgħa ta' nies possibbli. Flimkien dan il proġett se jħejji kampanja pubbliċitarja li se tilħaq kemm lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Għal dan il-għan, il-proġett se jaħdem fuq żewg binarji:

a) Il-provvediment ta' sessjonijiet ta' taħriġ għal min ser iħarreġ oħrajn, u titjib tal-kapaċità kemm ta' l-istaff kif ukoll tal-voluntiera tal-parteċipanti tan-Network Mużajk;

b) It-tixrid ta' informazzjoni permezz tal-midja, permezz tal-viżibilita' li għandu jingħata l-proġett fil-Ġranet id-Diversità (numru ta' ġranet se jkunu qed jiċċelebraw il-varji gruppi ta' diversità), sessjonijiet ta' forum theatre, kif ukoll permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' infomazzjoni li se jindirizzaw xi informazzjoni jew ideat żbaljati li jeżistu fis-soċjetà Maltija.

Jekk dan il-proġett ikun magħżul, għandu jkun implementat fl-2007 u għandu wkoll jipprovdi bażi tajba għal azzjonijiet oħra li jkunu ppjanati fil-futur. Dan il-proġett għandu wkoll jifrex is-sodda għall-ħolqien ta' network bejn organizzazzjonijiet governattivi u tas-soċjetà ċivili li flimkien jippromwovu l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni.

**Il-Proġett UNESCO: Id-Differenza bejn is-Sessi fil-Qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta**

Dan il-proġett, li huwa ffinanzjat mill-UNESCO u qed jittella' bil-kollaborazzjoni ta' l-NCPE, l-Università ta' Malta u l-ETC, għandu żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel għan hu li tinġabar statistika u informazzjoni oħra dwar id-differenzi li hemm bejn is-sessi fejn għandha x'taqsam ix-xjenza u t-teknoloġija, u din l-istatistika tiġi preżentata b'mod koerenti. Ħafna minn din l-informazzjoni u l-istatistika diġà teżisti, iżda tinsab imxerrda bejn ħafna entitajiet bħal ma' huma l-ETC, l-NSO, l-Università ta' Malta, l-MCAST u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. F'dawn it-tmien xhur li ilu għaddej dan il-proġett, inġabret informazzjoni mill-ETC relatata man-numru ta' nisa u rġiel li kienu mpjegati tul dawn l-aħħar ħames snin fis-setturi li għandhom x'jaqsmu max-xjenza u/jew it-teknoloġija. Ġiet miġbura u analizzata ukoll statistika dwar ir-riżultati ta' l-istudenti li poġġew għall-eżamijiet fil-livelli tas-*SEC*, ta' l-*Intermediate* u ta' l-*Advanced* li saru mill-Bord tal-MATSEC tul dawn l-aħħar

ħames snin. Se tinġabar statistika oħra dwar in-numru ta' studenti li qed jirreġistraw u jiggradwaw mill-MCAST u mill-Università ta' Malta f'livelli differenti.

It-tieni għan ta' dan il-proġett hu li jitqajjem għarfien dwar dan is-suġġett fost il-poplu, b'mod partikolari, ma' l-istudenti bniet u l-ġenituri tagħhom. Dan beda jsir permezz ta' laqgħat li ġew organizzati f'April ma' l-istudenti bniet li jmorru f'diversi skejjel sekondarji u li kienu waslu biex jagħmlu l-għażla tas-suġġetti tagħhom. F'dawn il-laqgħat, l-istudenti kienu magħrfa bl-opportunitajiet li hawn f'Malta u fl-Ewropa fil-qasam xjentifiku, u kellhom iċ-ċans li jisimgħu bl-esperjenzi personali ta' tfajliet li diġà qegħdin fil-qasam tax-xjenza.

**Programm Reġjonali ta' Taħriġ fuq Temi ta' Ugwaljanza għal Tmexxija Aħjar fis-Servizz Pubbliku ġewwa Malta u Ċipru *CFTC***

Dan il-programm li kien ko-finanzjat mill-Fond għall-Koperazzjoni Teknika tal-Commonwealth, kien oriġinarjament sottomess fl-2004 u intiż sabiex jipprovdi assistenza teknika fuq kwistjonijiet ta' ġeneru u *mainstreaming* tal-ġeneru kemm lill-membri u staff ta' l-NCPE u l-Kumitati ta' l-Ugwaljanza li jeżistu f'kull Ministeru. Lejn l-aħħar ta' l-2005, l-NCPE kienet ikkuntattjatha minn uffiċjali tas-Segretarjat tal-Commonwealth li infurmawha li kienu se jiffinanzjaw il-proġett. Wara dan, saru diversi diskussjonijiet ma' dawn l-uffiċjali dwar il-proġett u dan ġie emendat sabiex jippermetti taħriġ aktar wiesgħa fuq ugwaljanza. Waqt dawn id-diskussjonijiet il-proġett kien mibdul ukoll biex isir fuq livell reġjonali u jinkludi wkoll parteċipanti minn Ċipru.

Dan it-taħriġ ingħata f'Diċiembru u kellu attendenza tajba mir-rappreżentanti tal-Kumitati ta' l-Ugwaljanza u minn ħaddiema tas-servizz pubbliku Ċiprijott. (*ara wkoll* **Inizjattivi ta' Taħriġ**)

**L-Identifikazzjoni ta' l-Aħjar Prattiċi li Jimplementat id-Direttiva tar-Razza u l-Origini Etnika *PKP* – Ambaxxara Rjali Olandiza**

Waqt l-ewwel xhur ta' l-2006, l-NCPE issottomettiet b'suċċess proposta ta' proġett li għandha l-iskop li tiżviluppa għodda ta' taħriġ u informazzjoni dwar id-Direttiva tar-Razza u l-Origini Etnika(Dir 2000/43/KE).

Dan il-proġett fil-fatt, se jiżviluppa għodda b'żewġ lingwi sabiex tiġi mqassma ma' grupp ta' uffiċjali għolja tas-servizz pubbliku, parastatali u s-settur privat, kif ukoll il-Kumitati ta' l-Ugwaljanza sabiex ikabbar l-għarfien lil hinn mill-Att Dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, sabiex dawn jiġu infurmati dwar l-obligazzjonijiet li jeżistu fir-rigward tar-razza u l-oriġini etnika.  Din l-għodda se tkun imqassma wkoll mal-Membri tal-Parlament, Membri tal-Ġudikatura u Segretarji Permanenti, kif ukoll lill-midja sabiex tiżdied il-kuxjenza favur l-ugwaljanza.

# CEDAW

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ingħatat ir-responsabbilta' li tikteb ir-raba' rapport ta' CEDAW għal Malta. Il-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) ġiet adottata fl-1979 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Is-CEDAW spiss tiġi deskritta bħala l-liġi internazzjonali tad-drittijiet tan-nisa. Malta, bħala nazzjon iffirmat din il-konvenzjoni fl-1991. Maqsuma f'preambolu u 30 artiklu, is-CEDAW tagħti definizzjoni ta' x'inhi diskriminazzjoni kontra n-nisa u torbot lill-pajjiżi li jaċċettaw din il-Konvenzjoni biex jieħdu l-miżuri neċessarji f'livell nazzjonali biex telimina kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa. L-NCPE qed tagħti rispons għal 16 minn dawn l-artikli.

Ir-rapport ta' CEDAW se jkun finalizzat għall-bidu tas-sena 2007. Ir-rapport se jkun reviżjoni li tinkludi artikli li jittrattaw diversi oqsma fl-isfera soċjali, fosthom fil-qasam edukattiv, dak tax-xogħol, teħid ta' deċiżjonijiet, benefiċċji soċjali, saħħa, stereotipi u miżuri speċjali. Ir-rapport huwa magħmul minn *policies*, liġijiet, u riċerka li se jippermettu lil dawk direttament interessati li jirrevedu l-pożizzjoni tagħhom b'mod analatiku u b'hekk jaħdmu fuq il-problemi identifikati, biex tiġi assigurata koeżjoni soċjali.

Saru wkoll referenzi għal-liġijiet, regolamenti, emendi, proġetti li ġew implimentati f'livelli nazzjonali u internazzjonali kif ukoll saru riformi. Fost is-suġġetti li ingħataw prijorita' fir-riċerka biex jinkiteb ir-rapport ta' CEDAW kien hemm il-ħolqien tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza; li twaqqfet skond l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u li preżentement hija l-makkinarju nazzjonali responsabbli mill-ugwaljanza bejn is-sessi. Mill-waqfien tagħha fl-2004, l-NCPE ingħatat responsabbilta' ta' diversi pjanijiet ta' azzjoni li qed jagħtu prijorita' lill-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u l-eliminazzjoni ta' sterjotipi abbażi ta' sess kif ukoll rwoli tradizzjonali. Ingħatat ukoll importanza lill-*mainstreaming* tal-ġeneri li jinkorpora l-aspett ta' l-ugwaljanza f'kull deċiżjoni li tittieħed f'kull livell, u dan huwa l-pedament biex tintlaħaq l-ugwaljanza.

Għad li t-triq biex tintlaħaq *de facto* l-ugwaljanza bejn is-sessi hija twila, ir-riżultati li nkisbu mis-sena 2004 huma inkoraġġanti u jistgħu jitqiesu bħala suċċess. Illum, hawn kuxjenza soċjali kbira dwar l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ugwaljanza bejn is-sessi; il-*policies* qed jiġu riveduti, l-organizzazzjonijiet qed jimxu lejn sensittivita' akbar lejn kwistjonijiet ta' ġeneru, il-midja qed tagħraf ir-responsabbilta' tagħha fil-mod kif ixxandar dawn l-affarijiet u l-ugwaljanza bejn is-sessi qed tingħata prijorita' fuq l-agenda nazzjonali.

Ir-riformi msemmija fid-diskors tal-Bagit għas-sena 2007 kienu pass 'il quddiem importanti lejn l-eliminazzjoni ta' ostakoli li jżommu lura lin-nisa milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja politika, soċjali, kulturali u pubblika. Il-Gvern ikkonferma l-impenn li jaħdem għal koeżjoni soċjali u sostenibbilita' permezz tad-dħul ta' aktar miżuri favur il-familja, inċentivi fis-sistema tat-taxxi u strateġiji li permezz tagħhom in-nisa jkunu rappreżentati aktar. L-inizzjattivi li ġew addottati jieħdu ħsieb mhux biss l-interessi tan-nisa, iżda s-soċjeta' kollha tibbenefika meta l-assi umani kollha jkunu qed jikkontribwixxu biex ilaħħqu ma' li jkun mistenni mill-pajjiż.

Ir-rapport tas-CEDAW hares lejn kull artiklu, u permezz ta' statistika, maqsuma bejn is-sessi, dehru ċar il-kwistjonijiet ta' ġeneru li huma l-aktar preżenti fis-soċjeta' Maltija bħalissa. Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa f'Malta għad m'għandiex l-istess importanza meta tiġi imqabbla ma' pajjiżi oħra. Dan jimplika li għad hemm nuqqas fil-kunsiderazzjoni li ħaqqhom il-vuċijiet tan-nisa fuq kwistjonijiet ta' ġeneru. Dan il-fenomenu huwa sfida għas-soċjeta' Maltija li l-Gvern flimkien mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, u entitajiet oħra huwa impenjat li jnaqqas u jindirizza, bl-intenzjoni li tinbena soċjeta' ġdida fejn kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jibbenefikaw minn rispett u dritt ta' għażla libera.

## Mainstreaming tal-Ġeneri

Il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri huwa "strateġija li tintegra l-interessi u l-esperjenzi kemm tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel fid-disinn, implimentazzjoni, sorveljar u evalwazzjoni ta' *policies* u programmi fl-isferi kollha politiċi, ekonomiċi u soċjali biex b'hekk in-nisa u l-irġiel jibbenefikaw b'mod ugwali, u l-inugwaljanza ma tkunx ipperpetwata. L-għan aħħari huwa li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi."

L-NCPE għamlet xogħol estensiv sabiex tintegra l-ugwaljanza fis-setturi varji tal-ħajja. Fost dan ix-xogħol, ta' min isemmi:

- Riċerka dwar informazzjoni li ġiet inkluża fis-sottomissjoni ta' l-NCPE għall-proġett mill-fond ERDF. F'dan ir-rigward, ġie sottomess dokument lill-awtoritajiet kompetenti.

- Seħħew diskussjonijiet sabiex jiġu analizzati l-possibilitajiet għal proġetti futuri ta' l-NCPE dwar il-*mainstreaming* u suġġetti oħrajn.

- Sar xogħol dwar applikazzjoni għal proġett ġdid mill-Fond Strutturali Ewropew.

- Saret laqgħa mal-Kumitat għall-Ugwaljanza fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa bil-għan li jiġi diskuss pjan għall-ġejjieni fir-rigward tal-*mainstreaming* tal-ġeneri. Seħħet laqgħa oħra ma' l-istess kumitat, flimkien ma' uffiċjali għolja fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, sabiex jiġi mfassal pjan ta' ħidma għall-mainstreaming tal-ġeneru fil-Ministeru tas-Sahha.

- Ingħatat preżentazzjoni dwar il-*Gender Mainstreaming* fil-Konferenza FSE ta' Frar 2006.

- Saret analiżi fil-fond tar-Rapport dwar il-Pensjonijiet u l-Karta Supplementarja dwar l-Inċentivi għan-Nisa.

- Ingħata kontribut dwar il-*Policy* għall-Opportunitajiet Indaqs ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

- Ingħata kontribut dwar il-Qafas Strateġiku Nazzjonali.

- Ġiet imfassla il-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi ghall-Pjan Operazzjonali ta' l-FSE 2007-2013.

- Gie kkumpilat materjal għal *toolkit* dwar il-*mainstreaming* tal-ġeneru.

- Ingħataw sessjonijet ta' taħriġ lill-*istaff* ta' l-ETC dwar il-funzjonijiet ta' l-NCPE, il-*mainstreaming* tal-ġeneru u l-fastidju sesswali.

- Ingħata taħriġ dwar il-fastidju sesswali lill-istaff ta' l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

- Seħħew laqgħat ma' awtoritajiet fi ħdan is-servizz pubbliku li matulhom ġew diskussi miżuri għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza.

- L-NCPE ħadmet fil-qrib mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xogħol, biex b'hekk saru laqgħat ma' l-uffiċjali legali fi ħdan id-dipartimenti varji fl-istess Ministeru. Fit-18 ta' April 2006 saret laqgħa ma' dawn l-istess uffiċjali sabiex jigu spjegati l-policies u l-obbligi legali dwar il-mainstreaming tal-ġeneru. Waqt din il-laqgħa, intwera eżempju prattiku dwar kif tiġi implimentata l-istrateġija tal-*mainstreamin*g tal-ġeneru. Waqt din il-laqgħa, ġie suġġerit illi l-NCPE tagħmel *gender analysis* ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni u ta' numru ta' dokumenti ta' *policy* applikabbli fil-kamp edukattiv (b'mod partikolari id-dokument '*For All Children to Succeed'* u d-dokument dwar *Early Childhood Education*) biex b'hekk jiġu sottolinejati aspetti li setgħu jiġu inklużi fir-reviżjoni ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni. L-NCPE għalhekk wettqet dan l-eżerċizzju u ippreparat rapport li ġie ippreżentat lill-istess uffiċjali. Ir-rapport ġie wkoll ċirkolat b'mod elettroniku lil dawk l-uffiċjali li ma setgħux jattendu din il-laqgħa,

b'mod partikolari il-*Policy Officer* tal-Ministeru. Ġie analizzat il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli u ingħata l-kontribut relattiv.

- Ġie analizzat abbozz ta' emenda għall-Att dwar is-Sigurta Soċjali rigward is-SAF, biex b'hekk ġie ppreparat rapport bil-konsiderazzjonijiet ta' l-NCPE li ġie ippreżentat lill-MFSS.

- Seħħet laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u għall-Ambjent li matulu ġew diskussi problemi partikolari li jaqgħu taħt dan il-Ministeru. Il-membri tal-Kumitat għall-Ugwaljanza fi ħdan dan il-Ministeru ħadu l-inkarigu li jappuntaw persuni oħra fuq il-kumitat, li jipprovdu *'gender equality link*' fuq il-'*website*' tal-Ministeru tagħhom u li jħejju sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan id-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħhom, bil-għajnuna ta' l-NCPE. Dawn l-inizzjattivi għandhom jiġu approvati f'qasir żmien.

- Seħħew ukoll laqgħat ma' Membri tal-Bord tal-Koperattivi u ta' l-OHSA li matulhom ġie sottolinejat l-aspett ta' l-ugwaljanza. Seħħew imbagħad laqgħat ta' ħidma ma' uffiċjali rilevanti.

- Ġiet imħejjija klawżola dwar il-fastidju sesswali għall-ETC, biex titpoġġa fuq 'sticker' u tiġi mwaħħla fuq il-mezzi tat-transport ta' l-ETC.

- Ingħatat prezentazzjoni dwar il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri matul il-konferenzi FSE tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2006.

- Ingħatat preżentazzjoni dwar il-Liġi tax-Xogħol f'Malta ( ETC – proġett Nisa fil-Kottonera)

- Ingħata kontribut dwar l-abbozz ta' Linji ta' Gwida dwar l-Ugwaljanza maħruġa mill-Awtorita' tax-Xandir

- Ingħata kontribut dwar il-Programmi Operazzjonali FSE I u II
- Ingħata kontribut dwar id-dokument ta' qabel il-baġit 2007
- Ingħata kontribut dwar l-Istrateġija Nazzjonali EQUAL dwar il-*Mainstreaming*
- Ġiet imfassla għodda ta' sorveljanza dwar il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri
- Ingħatat preżentazzjoni matul il-Konferenza ta' l-Għeluq FSE tal-15 ta' Settembru 2006 rigward eżempji ta' prattiċi tajba ta' *mainstreaming* tal-ġeneri fis-Settur Pubbliku.

# SEJBIET LI ĦARĠU MIR-RIĊERKA

Bħala parti mill-istrateġija internazzjonali dwar żvilupp sostenibbli, Malta investiet b'mod qawwi fir-riċerka u innovazzjoni kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni minn varji entitajiet iggwidaw lill-Gvern Malti biex jelabora u jinvesti aktar f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) temmen bis-sħiħ fir-rwol fundamentali li r-riċerka ghandha fil-ftehim ta' oqsma ta' prijorita', u li taħdem fuq idejat biex tasal għal soluzzjonijiet b'miżuri pro-attivi biex ittejjeb ir-rwol ta' l-irġiel u n-nisa fis-soċjeta'.

## Riċerka Interna

### *Gender Quotas: a Key to Equality?*

Wieħed mill-proġetti ta' riċerka li twettqet mill-Kummissjoni kien studju kwalitattiv bl-isem ta' '*Gender Quotas: A Key to Equality?*' Għall-għan ta' din ir-riċerka, ġew studjati u analizzati kemm il-qafas lokali kif ukoll dak Ewropew, biex b'hekk ġew identifikati l-ostakoli li jżommu lura lin-nisa milli jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika. Saru sett ta' intervisti kwalitattivi ma' uffiċjali importanti minn kull partit politiku, u ingħataw suġġerimenti dwar kif jista' jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fil-pożizzjonijiet għolja fil-partiti infushom.

L-ostakoli li qed ixekklu n-nisa milli jieħdu parti attiva fid-dimensjoni politika tas-soċjeta' qegħdin iżommu lura wkoll il-progress soċjali. Dan l-istudju janalizza l-fatt li Malta tinsab fl-aħħar postijiet fil-lista tan-numru ta' parteċipanti nisa li għandhom siġġu fil-Parlament kemm lokalment kif ukoll fix-xena Ewropea. Azzjonijiet li ttieħdu miż-żewġ partiti politiċi ewlenin diġa urew ftit avvanz, iżda t-titjib qed isir bil-mod wisq u l-pass ta' l-avvanz mhux proporzjonat mal-bidliet li huma neċessarji. Ir-riċerka turi li *grassroots approach* li jemfasizza l-valur ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ugwaljanza fir-riżultati miksuba jrid jitpoġġa fuq quddiem nett jekk għandu jsir xi tip ta' progress f'dan il-qasam. Parteċipazzjoni ċivika, djalogu miftuħ, u għarfien ibbilanċjat ta' l-għola livelli fis-soċjeta' huma lkoll mezzi li jistgħu jwasslu lejn din l-ugwaljanza.

Miżuri ta' azzjoni pożittiva jistgħu jkunu soluzzjonijiet vijabbli meta s-sitwazzjoni tkun staġnata. Madankollu dan l-istudju juri li dawn it-tip ta' miżuri għandhom jiġu akkumpanjati minn viżjoni strateġika, ideja ċara ta' l-azzjoni li trid tittieħed u profil ċar tat-tip ta' riżorsi u żminijiet li hemm bżonn biex jintlaħaq l-iskop. Tul dan l-istudju, ġew analizzati sistemi differenti ta' kwoti.

Huwa maħsub li aktar 'il quddiem dan l-istudju jiġi ippublikat.

**Rapport ta' l-MIIIT**

Il-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informatika talab lill-NCPE biex tagħtih rapport li jagħti ideja ċara tas-sitwazzjoni lokali fil-konfront tan-nisa u r-rwol tagħhom fis-soċjeta'. Il-bżonnijiet kurrenti u l-ostakoli li ħarġu minn studji li saru mill-Universita' ta' Malta *(Tracer Study: Career Outcomes of Graduates 2004: A Career Guidance Tool)*; ETC *(A Look into the Work Aspirations of Inactive Women)*; and NCPE (*UNESCO: The Gender Gap in Science and Technology in Malta: Tackling the Issues*) ġew analizzati, b'attenzjoni partikolari fuq il-qasam tan-nisa u x-xjenza. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol ġiet indirizzata u ingħatat informazzjoni wkoll dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' min iħaddem u l-ħaddiema. Ir-rapport ikkonkluda bl-importanza li jkun hemm *policy* ta' opportunitajiet indaqs u l-implikazzjonijiet ta' miżura bħal din. *Policy* ta' dan it-tip hija għodda essenzjali li twassal biex ikun hemm qafas ċar b'azzjonijiet u inizzjattivi li l-organizzazzjoni għandha tieħu biex tiżgura opportunitajiet indaqs għal ħaddiema tal-preżent kif ukoll dawk tal-ġejjieni. Ir-rapport jindika li r-responsabbilta' soċjali korporattiva hija parti integrali minn kull istituzzjoni, u għalhekk għandha tingħata l-attenzjoni meħtieġa.

## RIĊERKA IPPUBLIKATA

### ESF/ No. 23 "Gender Mainstreaming the Way Forward"

Bħala parti mill-proġett ESF/No.23 bl-isem ta' '*Gender Mainstreaming the Way Forward*', l-NCPE ikkummissjonat riċerka dwar l-oqsma li ġejjin relatati ma' l-għanijiet ta' dan il-proġett.

1. miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol
2. id-differenza fil-pagi abbażi ta' ġeneru
3. għażliet fil-karriera u kundizzjonijiet ta' xogħol tal-gradwati fis-suq tax-xogħol
4. proġett pilota fuq teleworking

Mir-riċerka li saret fil-każ ta' miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol, dawn is-sistemi nstabu tajbin kemm mill-perspettiva ta' min iħaddem kif ukoll minn dawk li jibbenefikaw direttament minn dawn il-miżuri. Dawk li ma bbenefikawx ukoll kellhom attitudni pożittiva u urew livell ta' nteress li jawgura tajjeb għall-estensjoni ta' din it-tip ta' sistemi. Dan l-istudju jissuġġerixxi li r-responsabbiltajiet tal-familja għandhom influwenza diretta fuq il-prospetti tal-karriera u ovvjament fuq il-qliegħ ta' l-individwi. Ir-responsabbiltajiet li tieħu ħsieb il-familja għadhom assoċjati marr-rwol tal-mara, għalhekk huma l-ħaddiema nisa li jqabblu l-karriera tagħhom mar-responsabbiltajiet domestiċi u familjari tagħhom. Dan l-istudju ikkonferma kemm in-nisa għandhom tendenza li jagħżlu xogħol klerikali u hemm inqas ċans li jokkupaw pożizzjonijiet superjuri maniġerjali. Dan l-istudju jissuġġerixxi wkoll li l-irġiel ħafna drabi jdumu tul aktar ta' żmien impjegati ma' l-istess kumpaniji u għalhekk hemm tendenza li għandhom possibiltajiet ikbar li jagħmlu progress fil-karriera tagħhom. L-irġiel ukoll għandhom tendenza li jaċċettaw aktar opportunitajiet ta' promozzjoni, kuntrarju għan-nisa, minħabba li dawn ta' l-aħħar ma jkollhomx il-possibilta'; li jżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom minħabba r-responsabbiltajiet familjari tagħhom. Fil-każ ta' brejk fil-karriera, n-nisa huma żvantaġġati minħabba l-fatt li jitilfu opportunitajiet ta' taħriġ u promozzjonijiet. Meta fil-fatt jirritornaw fis-suq tax-xogħol, l-eta' tista' tkun fattur ieħor li jaħdem kontra n-nisa. Barra minn hekk, għalkemm ħafna gradwati jsostnu li jaqsmu r-

responsabbiltajiet u l-obbligi mas-sieħeb jew sieħba tagħhom, huma n-nisa li jġorru l-ikbar responsabbiltajiet fejn jidħlu kura tat-tfal u xogħlijiet domestiċi. L-aħħar element ta' l-istudju kien il-proġett pilota tat-teleworking; ir-riċerka turi li t-teleworking huwa ta' benefiċċju ekonomikament, u spiss jirriżulta f'*performance* tax-xogħol aħjar, nuqqas ta' assenteiżmu u retenzjoni akbar tal-ħaddiema. Ir-riċerka turi wkoll li dawk li ħadmu bit-telework ħassew li dan it-tip ta' xogħol kien ta' benefiċċju għalihom ukoll, speċjalment fejn jidħol il-bilanċ. Ir-riċerka turi wkoll li l-impatti soċjali pożittivi għelbu lil dawk negattivi. Id-dimesjoni ta' inklużjoni soċjali tidher li hi pożittiva wkoll. It-teleworkers b'responsabbiltajiet familjari ħassew li permezz tat-teleworking żammew l-opportunitajiet ta' xogħol tagħhom miftuħa – li kieku ma jkunux vijabbli minħabba l-bżonnijiet familjari u domestiċi tagħhom. Id-dimensjoni tal-kwalita' tal-ħajja ukoll dehret li hija pożittiva.

**FETE**

Ir-rapport '*Facilitating Equality through Education'* jinkludi *literature review* u analiżi ta' *policies* internazzjonali u ta' l-UE, linji ta' gwida u prattiċi tajbin b'konnessjoni ma' kwistjonijiet ta' ġeneru u l-edukazzjoni; analiżi dettaljata u rapport tat-tliet pajjiżi msieħba, li huma Malta, Ċipru u l-Latvja biex jiġu identifikati saħħiet u nuqqasijiet b'konnessjoni ma' policies eżistenti ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri; prattiċi tajbin u miżuri oħra tajbin li diġa' jista' jkun qed jirranġaw differenzi eżistenti fil-proċess edukattiv; rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet.

Bħala parti mir-riċerka, saru intervisti ma' persuni importanti fis-settur edukattiv u wkoll ma' l-imsieħba nazzjonali Maltin, li huma prinċiparjament id-Dipartiment tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u l-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni, fl-Universita' ta' Malta. L-għan ta' dawn l-intervisti huwa li jintlaħaq għarfien akbar ta' *policies* edukattivi u miżuri relatati ma' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Ir-riżultati minn analiżi ta'riċerka li saret f'Malta, Ċipru u l-Latvja turi li sar progress f'dawn l-aħħar deċennji lejn soċjeta' iktar bilanċjata fil-qasam ta' ġeneru. Madankollu għadna nsibu nuqqas ta' bilanċ fis-sistemi edukattivi sal-lum.

Minn dan l-istudju ħarġu tliet osservazzjonijiet prinċipali li huma: Għalkemm in-nisa llum hemm aktar ċans li jistudjaw aktar fit-tul minn qabel, ħarsa mill-viċin lejn is-sistemi edukattivi ta' Malta, Ċipru u Latvja juru li n-nisa u l-irġiel mhux dejjem huma rrappreżentati b'mod bilanċjat fil-fakultajiet u istituti varji li huma magħmula minn dawk post-sekondarji, vokazzjonali u edukazzjoni terzjarja.

In-nisa għadhom iħaddnu u jagħżlu li jaħdmu fl-oqsma tradizzjonali tal-'kura', bħal per eżempju għalliema u infermiera u jevitaw il-Matematika, ix-Xjenza u t-Teknoloġija. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għażliet tas-suġġetti skond l-isterjotip, qed jinfluwenzaw l-għażliet fil-karrieri. Barra minn hekk, waħda mill-akbar problemi relatata mal-feminizzazzjoni tal-professjoni ta' l-għalliema hija n-nuqqas tar-rwol maskili għat-tfal li jattendu l-iskejjel primarji u kindergarten, li ovvjament jaffettwa l-ingaġġ f'din il-professjoni partikolari.

1. Waqt li l-maġġoranza ta' l-għalliema huma nisa, it-tmexxija u r-rwoli fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet fis-sistema edukattiva jidhru li huma dominati mill-irġiel. Madankollu, ta' min jistqarr li l-istatistika turi li n-numru ta' nisa f'dawn il-pożizzjonijiet qed jiżdied.
2. Xi materjal ta' tagħlim u *textbooks* li huma użati fl-iskejjel għadhom juru u jippromowovu sterjotipi. It-*textbooks* għandhom rwol importanti mmens fil-mixja lejn ugwaljanzi bejn il-ġeneri. Fil-fatt il-messaġġi f'dawn jistgħu jostakolaw l-iskop li jxekkel l-opportunitajiet indaqs għaż-żewġ sessi. Il-preġudizzji f'dak li għandu x'jaqsam ġeneru jistgħu jiġu mgħallma b'mod impliċitu permezz ta' lingwaġġ użat u stampi użati fil-kotba. Biex tiġi evitata ir-riġidita' fl-identita' sesswali jew rwoli, l-għalliema hemm bżonn li jagħżlu lingwaġġ (nomi, pronomi u aġġettivi) li speċifikament jiddeskrivi l-persuna partikulari, jew inkella jużaw lingwaġġ li huwa newtrali għaż-żewġ ġeneri meta jkunu qed jitkellmu b'mod ġenerali. Is-sensibilizzazzjoni lejn lingwaġġ li jippreġudika bejn il-ġeneri, fil-kuntest edukattiv għandu jingħata attenzjoni sostanzjali minħabba li huwa mezz kif rwoli ibbażati fuq is-sess u sterjotipi jistgħu jiġu trasmessi bih.

Dan ir-rapport ġie varat waqt il-laqgħa transnazzjonali li seħħet fis-16 ta' Novembru 2006.

***Studju transnazzjonali AGENDER***

Bħala parti mill-istudju trans-nazzjonali *"Searching for good practices in the area of gender and age management,"* kull imsieħeb inkluż Malta, il-Portugall u Franza, analizzaw il-kuntest nazzjonali relatat mal-kwistjonijiet rispettivi. L-għan ta' dan l-istudju huwa li jidentifika prattiċi tajba fl-Ewropa fil-qasam ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll fejn tidħol l-eta'. Il-parti Maltija ta' dan l-istudju jisimha: '*Gender aspects in Malta: Inactive Women over 40 and in the tourism sector*'.

L-għan ta' l-istudju għall-Malta huwa li jiffoka fuq 3 kwistjonijiet importanti inkluż: in-nisa inattivi li għandhom 'il fuq minn 40 sena; nisa fis-settur turistiku, u *policies* u eżempji ta' prattiċi tajba li jippromwovu in-nisa fil-post tax-xogħol. Informazzjoni fuq dawn it-tliet oqsma ġiet miġbura minn diversi sorsi. Dawn jinkludu:

- Statistika uffiċjali ippublikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO) Malta;
- Teżijiet ta' l-*Undergraduates* u postgradwati dwar kwistjonijiet rilevanti mill-Universita' ta' Malta;
- Riċerka li saret fuq bażi nazzjonali li ipprovdiet informazzjoni importanti għal dan l-istudju, kif ukoll
- Konsultazzjoni ta' dokumenti uffiċjali tal-Gvern (b'mod partikolari dawk ta' *policy*).

Dan ir-rapport juri s-sitwazzjoni tan-nisa inattivi f'Malta kif ukoll il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-industrija tat-turiżmu. Ir-riżultati juru li numru ta' azzjonijiet hemm bżonn li jingħataw aktar promozzjoni jiġu implimentati b'mod sabiex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-settur tat-turiżmu. Dan jinkludi fost affarijiet oħra bidla fil-mentalita' permezz ta' l-edukazzjoni, il-bżonn li n-nisa jippromwovu l-ħiliet tagħhom u l-importanza li tikber il-flessibilta' fix-xogħlijiet. Dan ir-rapport juri wkoll li matul is-snin, Malta għamlet ħafna passi validi biex tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru. Madankollu għad hemm

ħafna aktar x'irid isir.  Għalkemm l-opportunitajiet indaqs u l-emfażi fuq l-ugwaljanza huma riflessi fil-liġi tal-pajjiż, dan mhux neċessarjament rifless fis-suq tax-xogħol.  Dan ifisser li l-isfida li jmiss għal Malta tkun fil-fatt dik li l-liġi tirifletti dak li qed jiġri fis-suq tax-xogħol permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa u iktar preżenza ta' nisa fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet.  Barra minn hekk, Malta hemm bżonn li tieħu aktar azzjoni biex tiġġieled id-diskriminazzjoni ibbażata fuq l-eta'.

# INIZJATTIVI TA' TAĦRIĠ

**EQUAL – Taħriġ għal persuni inattivi**

L-għan prinċipali ta' dawn is-seminars kien li jinforma u jinkoraġġixxi l-pubbliku Malti, partikolarment lin-nisa biex ikunu aktar attivi fid-dinja tax-xogħol, kif ukoll biex jinkoraġġixxi lil dawk kollha li fil-preżent jaħdmu fl-ekonomija informali, biex jinfurmaw ruħhom bil-benefiċċji li jeżistu u b'hekk jidħlu fl-ekonomija formali. Dawn is-seminars kienu speċifikament immirati lejn dawk l-individwi li jixtiequ jtejbu l-kwalifiki akkademiċi tagħhom, jitgħallmu suġġetti ġodda, u jassistu lit-tfal tagħhom fix-xogħol ta' l-iskola, kif ukoll lejn individwi li qegħdin ifitxu xogħol jew li jixtiequ iġibu aktar kwalifiki bil-għan li jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Għal dan il-għan il-gżejjer Maltin ġew maqsumin f'erba' reġjuni; dak tat-Tramuntana, in-Nofsinhar, ir-reġjun Ċentrali u Għawdex. B'kollox saru erbatax-il seminar f'Malta u żewġ seminars ġo Għawdex. Madwar tmenin parteċipant min Malta u Għawdex attendew għal dawn is-seminars.

Diversi suġġetti ġew diskussi waqt dawn is-seminars fosthom l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif jinkiteb *curriculum vitae*, kif wieħed japplika għax-xogħol, il-liġi u s-sigurta' soċjali, possibilitajiet ta' taħriġ u ta' xogħol, l-importanza ta' l-indipendenza ekonomika, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, kif twaqqaf koperattiva, l-aspettattivi ta' min iħaddem, kif ukoll l-industrija tat-turiżmu. Numru ta' kelliema minn diversi oqsma kienu mistiedna matul dawn is-seminars, flimkien ma' numru ta' *role models.* Dawn ir-*role models* li rnexxielhom itejbu l-livell tax-xogħol tagħhom wara li ingħataw xi tip ta' taħriġ jew wara li fittxew xogħol ieħor biex javvanzaw fil-karriera tagħhom, qasmu l-esperjenzi tagħhom ma' dawk preżenti bl-għan li jinkoraġġixxu lil dawk kollha li huma inattivi biex ma' jaqtgħux qalbhom jieħdu l-inizjattiva.

Numru ta' dokumenti fosthom pakketti bl-informazzjoni li kienet qed tingħata waqt dawn is-seminars ġew imqassmin lil kull min ipparteċipa. Ingħatat ukoll lista ta'

opportunitajiet ta' xogħol maħruġa mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ flimkien ma' lista ta' taħriġ offrut minn diversi organizzazzjonijiet fosthom: il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, il-Korporazzjoni tax-xogħol u t-taħriġ, il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, kif ukoll mill-Kulleġġ Malti għall-Arti Xjenza u Teknoloġija. Ġiet imqassma ukoll mappa li tagħti informazzjoni varja dwar diversi uffiċċji ta' dawk imsieħba f'dan il-proġett mifruxin madwar Malta u Għawdex. Fl-aħħar ta' din is-sensiela ta' seminars ġie imqassam sett ta' mistoqsijiet dwar il-ko-ordinazzjoni ta' dan it-taħriġ. Il-progress ta' dawk kollha li ipparteċipaw waqt dawn is-seminars qed jiġi studjat u analizzat.

**Taħriġ għall-Maniġers tar-Riżorsi Umani**

**<u>FSE/Nru. 23 "Il-*Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Id-direzzjoni għall-Ġejjieni"</u>**

Ġew organizzati żewġ sensiliet ta' taħriġ fit-28 u fit-30 ta Ġunju 2006, immirati speċifikament lejn il-Maniġers tar-Riżorsi Umani. L-għan prinċipali ta' dan it-taħriġ kien li titqajjem kuxjenza fuq il-kunċett tal-*Mainstreaming* tal-Ġeneri u miżuri favur il-familja. Wara dawn iż-żewġ sensiliet ġie mogħti ukoll taħriġ fl-20 ta' Novembru 2006, din id-darba biex tingħata informazzjoni fuq ir-riżultati ta' l-istudju li kien sar waqt dan il-proġett. Waqt dan it-taħriġ tat is-sehem tagħha kelliema Irlandiża, Ms Kathleen Connolly, l-Direttur tat-Taqsima Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, ta' l-Irlanda, fejn spjegat u emfasizzat fuq prattiċi tajba li qed jiġu jew li ġew utilizzati fl-Irlanda.

**Taħriġ b'koperazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-taħriġ**

Fl-2006 il-Kummissjoni kellha diversi diskussjonijiet mal- Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, speċjalment mas-sezzjoni tal-*Gender Equality*. Minn dawn id-diskussjonijiet ħarġu diversi inizjattivi fosthom taħriġ li sar f'April ta' l-2006, fuq il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan it-taħriġ ingħata lill-ħaddiema ta' l-istess korporazzjoni.

Inizjattiva oħra kienet il-produzzjoni ta' manwal fuq it-tema ta' għażliet atipiċi ta' karrieri, li ġie ppublikat mill-istess korporazzjoni waqt li l-Kummissjoni kellha r-rwol li tanalizza u tagħti s-suġġerimenti tagħha. L-NCPE flimkien mal-Korporazzjoni

tax-Xogħol u t-Taħriġ iddiskutew il-possibilita' tal-pubblikazzjoni ta' Kodiċi ta' prattika fuq ugwaljanza tal-ġeneri għall-ħaddiema ta' l-istess korporazzjoni. Għal dan il-għan ingħata taħriġ lill-impjegati kollha fejn ġew infurmati aktar dwar il-funzjonijiet tal-Kummissjoni, u l-obbligu biex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-ugwaljanza tal-ġeneri. Dan it-taħriġ sar fit-23 ta' Frar 2006 u fis-17 ta' Mejju 2006.

Fis-27 ta' Marzu 2006 ingħata taħriġ waqt kors imniedi mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ. Dan il-kors kien jitratta *empowerment skills,* fejn ġie diskuss fost l-oħrajn il-funzjoni ta' l-NCPE, il-liġi u l-fastidju sesswali, kif ukoll l-importanza li tinħoloq aktar kuxjenza dwar l-ugwaljanza tal-ġeneri.

**FETE – 'Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni'**

Diversi sensiliet ta' taħriġ ingħataw ġo l-iskejjel biex kemm l-għalliema kif ukoll dawk kollha lil jaħdmu f'dan is-settur, jiġu infurmati aktar fuq il-qasam ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-għan prinċipali ta' dan it-taħriġ kien li:

- jiġu studjati l-atitudnijiet lejn rwoli tal-ġeneri;
- jibdew jiġu sfidati dawn l-atitudnijiet;
- jiġi identifikat u rikonoxxut l-iżvilupp tal-ġeneri;
- jiġi spjegat aħjar ir-rwol ta' l-edukaturi fl-iżvilupp ta' sterjotipi tal-ġeneri;
- jiġu żviluppati idejat ġodda dwar rwoli tal-ġeneri;
- tiġi żviluppata strateġija li tinkoraġġixxi sensitivita u ġustizzja tal-ġeneri.

Minbarra dan it-taħriġ li sar ġo l-iskejjel direttament minn *trainer* ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, taħriġ ieħor sar fit-22 ta' Novembru, li kien organizzat speċifikament għall-għalliema tal-***Guidance*** u l-***Counselling***.

Bħala parti min dan il-proġett li parti minnu kien iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, l-NCPE organizzat tlett ijiem ta' attivita' ġewwa l-Belt Valletta, mis-16 sat-18 ta' Novembru 2006. Dawn l-attivitajiet saru taħt tinda li ittellgħet f'Misraħ ir-Repubblika, u inkludew attivitajiet immirati lejn it-tfal u udjenza ta' eta' żgħira. Parti min dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu f'reċtar minn atturi li ħadmu partijiet bi rwoli speċifiċi biex iwasslu messaġġ ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll intwerew

siltiet min-logħba edukattiva li ġiet żviluppata minn l-istess proġett. Ir-reċta kienet tittratta it-tema prinċipali tal-proġett u ġabet l-isem ta' 'M'hemm l-ebda biċċa xogħol li ma tistax tagħmel - Jekk temmen fik innifsek jirnexxielek'. Din id-dimostrazzjoni ġiet fil-qofol tagħha b'kanzunetta li ġiet miktuba speċifikament bit-tema tal-proġett. Tqassmu ukoll diversi oġġetti fosthom il-logħba, kotba tat-tpinġija, stikers u *bookmarks* lit-tfal kollha li attendew għal dawn l-attivitajiet, kif ukoll fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha mxerrdin madwar Malta u Għawdex.

Fid-29 ta' Novembru taħriġ ieħor ġie organizzat din id-darba immirat lejn studenti fill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni ġewwa l-Universita' ta' Malta. Din id-darba l-NCPE wasslet l-istess messaġġ li ngħata lill-għalliema, bid-differenza li dawn l-istudenti huma l-ġenerazzjoni futura ta' għalliema u edukaturi fis-soċjeta' tagħna. Dan it-taħriġ kien possibli bl-għajnuna tal-Professur Carmel Borg, id-Direttur tal-Fakultaċ ta' l-Edukazzjoni ġewwa l-Universita' ta' Malta.

**Programm Reġjonali ta' taħriġ fuq temi ta ugwaljanza, għal tmexxija aħjar fis-Servizz Pubbliku ġewwa Malta u Ċipru. (5 – 7 ta' Diċembru 2006)**

Kif ġie indikat fil-Kapitlu dwar il-proġetti, l-element ewlieni ta' dan it-taħriġ iffoka l-aktar fuq it-tkabbir tal-proviżjoni tal-kapaċita'. Għal dan it-taħriġ ġew mistiedna jattendu uffiċjali mis-settur pubbliku li jiffurmaw parti mil-Kumitati għall-Ugwaljanza, f'diversi Ministeri, fejn attendew 26 parteċipant Malti flimkien ma' 4 parteċipanti Ċiprijotti. Dan it-taħriġ kien mifrux fuq tlett ijiem wara xulxin, fejn ġew diskussi diversi liġijiet Ewropej u Nazzjonali li jittrattaw il-prinċipju ta' l-ugwaljanza.

Dan it-taħriġ ġie inawgurat mid-Direttur Eżekuttiv, b' introduzzjoni li saret mil-Ministru għal-Familja u Solidarjeta Soċjali, l-On. Dolores Cristina flimkien ma' Dr Rose-Marie Endeley rappreżentanta tas-Segretarjat tal-Commonwealth. Fil-messaġġ tagħha l-On. Cristina saħqet kemm huma importanti u għeżież għaliha il-kunċetti ta' tmexxija tajba flimkien ma' l-ugwaljanza u d-diversita'. Hi semmiet ukoll ir-rabta min-naħa tal-Gvern li jiżviluppa aktar sensittivita' lejn l-ugwaljanza biex jittieħdu f'konsiderazzjoni problemi li jġibu l-intolleranza. Dr Endeley min-naħa tagħha saħqet fuq l importanza li jinħoloq pjan ta żvilupp li eventwalment jiġi

adottat mil-Gvern kemm ta' Malta kif ukoll dak Ċiprijott, u biex dan iservi ta' kampjun għall-kumplament tal-pajjiżi membri tal-Commonwealth.

Eventwalment il-kelliema introduċew lill-parteċipanti għall-kunċett ta' żvilupp tal-prinċipju ta' trattament ugwali, l-iskop ta' l-Artiklu tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jitratta l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni flimkien ma *case-law* rilevanti, Protokol 12 ta' l-istess Konvenzjoni, id-Direttivi Ewropej dwar l-ugwaljanza għall-ġeneri, id-Direttiva li titratta ugwaljanza bejn ir-razez, kif ukoll id-Direttiva ta' l-ugwaljanza fl-impjieg. Il-parteċipanti ġew imgħarrfin ukoll fuq il-liġijiet preżenti kemm Maltin u dawk Ċiprijotti kif ukoll fuq l-organizzazzjonijiet li jaħdmu f'dawn is-setturi.

Waqt dan it-taħriġ ġiet preżentata tifsira dettaljata ta' *mainstreaming* tal-ġeneri u l-għodda li tista' tintuża biex twassal għal riżultati pożittivi. Il-Kunċett ta' *mainstreaming* għalhekk kien applikat fuq ugwaljanza u diversita fuq l-oqsma kollha, biex b'hekk jiġu nklużi ukoll razza u oriġini etnika, twemmin u reliġjon, orjentazzjoni sesswali, diżabilita' u eta'.

Il-maġġoranza tal-ħin waqt dawn it-tlett ijiem ġie iddedikat għal diskussjonijiet fejn il-parteċipanti ġew maqsuma fi gruppi biex b'hekk kulħadd kellu ċ-ċans jiffamiljarizza ruħhu u jiddiskuti xi punti kontroversjali u sensittivi li inqalgħu waqt id-diskussjoni. Waqt dawn id-diskussjonijiet ingħataw eżempji ta' *case studies* kemm ta' diskriminazzjoni bejn il-ġeneri kif ukoll fuq diversi sitwazzjonijiet oħra fejn teżisti diskriminazzjoni.

Il-kelliem ewlieni waqt dan it-taħriġ kienet Ms Sakoon Canakiah li kienet assistita mill-impjegati ta' l-NCPE, flimikien ma' parteċipanta mill-Uffiċċju tal-Ombudsman ta' Ċipru.

**Nissensibilizzaw dwar kwistjonijiet ta' Ġeneru**

L-NCPE wasslet sensiela ta' taħriġ bit-tema 'Nissensibilizzaw dwar kwistjonijiet ta' Ġeneru' f'diversi skejjel, fosthom:

- L-iskola tal-bniet tal-Marsa
- L-iskola Primarja C Lorenzo Balbi
- L-iskola Primarja C tal-Furjana

l-għodda prinċipali ta' dan it-taħriġ kien manwal li jissensibilizza dwar il-ġeneru li ġie miktub mill-NCPE immirat direttament lejn l-edukaturi, għalliema, *counsellors* u kapijiet ta' l-iskejjel.

Dan il-manwal hu maqsum f'diversi sezzjonijiet:

- L-Isfond Storiku
- Twemmin u atitudnijiet tal-ġeneri
- Id-dibattitu bejn kemm il-kwistjoni ta' ġeneru hija naturali jew kemm ġejja mit-trobbija
- Identita' tal-Ġeneri
- Rwoli tal-Ġeneri
- L-Isfond Teoretiku
- L-Irwol ta' l-edukaturi bħala aġenti ta' sensibilizzazzjoni fuq temi ta' ġeneru
- L-atitudni ta' l-għalliema
- Il-problema kruċjali – Sterjotipi fuq bażi ta' sess
- *Textbooks*
- Il-Kurrikulum
- Preferenzi maskili tas-soċjeta'
- Fatti fl-isfera lokali – studju fuq medda ta' żmien – 1995 (Fr. Charles Tabone O.P); 2006 (NCPE)
- Linji ta' gwida biex jiġi eliminat kliem diskriminatorju mill-kotba użati fl-iskejjel
- L-eliminazzjoni ta' preġudizzju dwar il-ġeneri
- *Checklist*: X'inhu l-aktar adattat?
- Konklużjoni
- Appendiċi

Dan il-manwal se jkun aċċessibli aktar tard fl-2007.

**Taħriġ lill-membri tal-korp tal-pulizija**

Wara diversi talbiet li l-Kummissjoni rċeviet min entitajiet differenti, l-NCPE ippreparat materjal speċifiku fuq l-oqsma l-oħra ta' l-ugwaljanza. Fosthom taħriġ li tat l-NCPE f'Awwissu 2005 fuq il-provviżjoni tal-liġi Maltija u d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 200/43/EC dwar ugwaljanza razzjali.

L-akkademja tal-Pulizija inkludiet taħriġ fuq l-istess tema f'kull kors u programm ta' taħriġ li toffri għal kadetti ġodda. Fl-2006, l-NCPE ġiet mitluba biex iżżid it-taħriġ tagħha, u b'hekk b'kollox tat 7 sessjonijiet ta' siegħa 'il waħda f'dak li huwa programm ta' taħriġ kontinwu għal dawk li huma membri fil korp u 3 sessjonijiet ta' sagħtejn 'il waħda lill-kadetti l-ġodda.

It-taħriġ kien ibbażat fuq mudell interattiv li jitlob lill-parteċipanti biex jiddefinixxu il-kunċetti ta' xenofobija, razziżmu u diskriminazzjoni, waqt li-tieni parti tinkludi ħarsa lejn proviżjonijiet legali: fil-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-Kodiċi Kriminali, fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, fl-Att li jirregola l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali, fir-Regolazzjonijiet dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg, kif ukoll id-Direttiva li tirregola l-Ugwaljanza Razzjali, li jitkellmu fuq diskriminazzjoni u mibegħda razzjali. Wara din l-ispjegazzjoni min perspettiva legali dwar trattament ugwali, il-parteċipanti kienu mitlub jinqasmu fi gruppi fejn iddiskutew u studjaw fid-dettal *case studies* biex b'hekk jagħmlu konnessjoni bejn l-aspett teoretiku u dak leġiżlattiv, f'każijiet u sitwazzjonijiet li dawn jistgħu jiltaqgħu magħhom waqt xogħolhom.

# PARTEĊIPAZZJONI F'KONFERENZI

## Konferenzi barra minn Malta

***High Level Group on Gender Mainstreaming*, 12-13 ta' Jannar, Vienna**

Bħal ma jiġri s-soltu, l-ewwel laqgħa ta' kull Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea, tkun il-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli tkun dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Matul din il-laqgħa, kull stat membru qabel fuq ir-*Roadmap*, filwaqt li l-Awstrija ddiskutiet l-indikaturi tagħha dwar is-saħħa. Il-Presidenza li jmiss, il-Finlandja, tkellmet fuq il-possibilita` li jkollha konferenza Ministerjali. Din il-laqgħa attendiet għaliha d-Direttur Eżekuttiv.

***Integrating Partnerships, Gender Equality and Gender Mainstreaming into ESF Programmes for 2007-2013*, 19-20 ta' Jannar, Brussel**

Din il-konferenza tkellmet fuq l-aspett tekniku tal-programmi ta' l-FSE, partikolarment fuq il-mottiv ta' l-importanza li tingħata mill-fond lill-imsieħba, il-vantaġġi li jigu ntegrati imsieħba fi programmi ta' l-FSE, u l-ahjar metodi ta' kif tintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi.

***Meeting for Promoters 2005*, 3 ta' Frar, Brussel**

Din il-laqgħa, li saret għal dawk li jmexxu proġetti tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjieg fi ħdan l-Unjoni Ewropea, ipprovdiet informazzjoni prattika dwar il-ħtiġijiet amministrattivi u finazjarji ta' kif jitmexxa proġett.

***Convocations of the 34th Meeting of the Steering Committee for Equality between Men and Women (CDEG),* 28-30 ta' Marzu, Strażburgu**

L-34 laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa tkellmet dwar il-preparamenti għas-6 Konferenza Ministerjali Ewropea fuq l-Ugwaljanza li saret ġewwa Stokkolma nhar it-8 u d-9 ta' Ġunju 2006. Fil-laqgħa, ġie wkoll diskuss x'ħareġ mill-kwestjonarju dwar in-nisa u l-irġiel fil-ħajja pubblika,

il-twaqqif ta' *task force* li tiġġieled il-vjolenza kontra n-nisa, it-traffikar tal-persuni umani u attivitajiet fil-qasam tal-*mainstreaming* tal-ġeneru.

***DG EMPL – Roadmap on Gender*, 4-5 ta' Mejju, Brussel**

Ġewwa Brussel, saret konferenza dwar ir-*Roadmap*, dokument ippreparat mis-Sezzjoni tal-Ġeneru fid-Direttorat Ġenerali għall-Impjieg u ppreżentat lill-Kunsill fis-Summit tar-Rebbiegħa. Dan id-dokument hu wieħed mid-dokumenti prinċipali fuq l-ugwaljanza fl-Ewropa.

***Experts Conference "Closing the Gender Pay Gap"*, 22 ta' Mejju, Brussel**

Din il-konferenza tlaqqgħet biex jiġi diskuss kif jistgħu jintlaħqu l-kwoti ta' l-Agenda ta' Lisbona. Fl-istess laqgħa, numru ta' pajjiżi taw daqqa t'għajn lejn proġetti u prattiċi tajba.

***CoE – 6th European Ministerial Conference on Equality between Women and Men*, 8-9 ta' Ġunju, Stokkolma**

Il-Ministri Ewropej responsabbli mill-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel iltaqgħu ġewwa Stokkolma fit-8 u d-9 ta' Ġunju għas-6 Konferenza Ministerjali. L-Onorevoli Helen d'Amato, is-Segretarja Parlamentari fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' attendiet din il-Konferenza. L-Onorevoli D'Amato tkellmet fuq l-iżviluppi nazzjonali fid-dawl ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru bħala dritt uman. Ir-rapport nazzjonali ġie sottomess lill-Kunsill ta' l-Ewropa.

***Towards a Plan of Action on Strengthening the role of Women in Society EUROMED Regional Preparatory Conference*, 14-16 ta' Ġunju, Marokk**

Il-Kummissarju attendiet din il-Konferenza Preparatorja għall-Konferenza Ministerjali EUROMED li saret fl-14 u s-16 ta' Ġunju fil-Marokk.

***8th Meeting of the Advisory Committee on Equal Opportunities for Women and Men*, 6-8 ta' Lulju, Brussel**

Din il-laqgħa informali mmirat li ssaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru f'kull politika. Din il-laqgħa kienet *mainstreamed* u kull tema li ġiet diskussa ġiet

imħarsa minn apett ta' ġeneru. Il-laqgħa kkonkludiet li hu neċessarju li meta jsiru r-riformi, jiġi assessjat l-impatt fuq in-nisa u fuq l-irġiel, sabiex is-soluzzjonijiet jissaportjaw b'mod konkret ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-familja, il-produttivita` tax-xogħol u l-kwalita` tal-ħajja tax-xogħol, it-tnaqqis ta' differenzi fis-saħħa bejn il-ġeneri u l-miri tas-servizzi tas-saħħa, sabiex il-familji jkunu jistgħu ikollhom in-numru ta' tfal li jixtiequ.

**12th meeting of the Committee set up to implement the Programme relating to the Community Framework strategy on Gender Equality (2001-2005), 27 ta' Lulju, Brussel**

Din il-laqgħa ddiskutiet is-sottomissjonijiet li rċeviet fir-rigward tas-sejħiet għall-proposti. Il-preżentazzjonijiet saru mill-Awstrija, il-Finlandja u l-Ġermanja fir-rigward tax-xogħol li hu skedaw li jsir matul il-presidenza tagħhom. Il-konferenza ddiskutiet ukoll l-implimentazzjoni tal-programm tal-2006 u l-konferenzi li kienu skedati bħala parti mir-*Roadmap*. Finalment, il-konferenza pprovdiet evalwazzjoni tal-qafas strateġiku u ħarsa ġenerali tal-programm PROGRESS, kif ukoll informazzjoni fuq żviluppi riċenti fir-rigward ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru.

**Meeting of the High Level Group on Gender Mainstreaming, 25-26 ta' Settembru, Ħelsinki**

Matul din il-laqgħa, ġie ċċirkolat abbozz tar-4 rapport annwali fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007, li jħares l-iżviluppi lejn l-ugwaljanza fl-UE filwaqt li jidentifika l-oqsma ta' prijorita` għall-azzjoni politika. Il-Presidenzi ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u tal-Ġermanja ddiskutew il-*mainstreaming* tal-ġeneru. Indikaturi fuq mekkaniżmi istituzzjonali biex jippromovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, indikaturi għall-azzjoni sussegwenti tal-Pjattaforma ta' Azzjoni Beijing, il-preparazzjoni għall-51 sezzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istat tan-Nisa (CSW) u informazzjoni fuq żviluppi riċenti ġew ukoll indirizzati.

**28th Meeting of the Advisory Comittee on Equal Opportunities for Men and Women, 7 ta' Lulju, Brussel**

It-28 laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs ħarset lejn l-ugwaljanza tal-ġeneru fil-fondi strutturali; ir-rapporti tal-gruppi ta' ħidma, il-programm ta' ħidma għall-2007; l-informazzjoni mill-Kummissjoni fuq żviluppi riċenti, l-informazzjoni mill-Presidenza ta' qabel, ta' li hemm bħalissa u ta' li jmiss, u l-elezzjoni tat-tieni viċi president.

**29th Meeting of the Advisory Committee on Equal Opportunities for Men and Women, 13 t'Ottubru, Brussel**

Fit-29 laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs ġiet diskussa l-ugwaljanza tal-ġeneru fir-riċerka; ir-rapporti tal-gruppi ta' ħidma; id-dokument ippreparat mill-Grupp ta' Ħidma fuq in-network ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-ekonomija u l-politika, u d-differenza fil-pagi li teżisti bejn il-ġeneri; il-programm ta' ħidma għall-2007; l-informazzjoni mill-Kummissjoni fuq żviluppi riċenti, l-informazzjoni mill-Presidenza ta' qabel, ta' li hemm bħalissa u ta' li jmiss,

***Women and Gender Equality – Towards Progressive Policies (Experts* Meeting), 5-6 t'Ottubru, Ħelsinki**

Din il-laqgħa ħarset lejn aspetti varji ta' diskrepanzi li għadhom jeżistu bejn in-nisa u l-irġiel; u ppruvat issib soluzzjoni politika għalihom. Il-laqgħa ndirizzat ukoll numri ta' suġġetti bħal l-inklużjoni soċjali u l-vjolenza filwaqt li tirreferi għad-direzzjoni politika Ewropea, u tfittex soluzzjoni varji Ewropej.

***Informal Meeting of the Ministers of Gender Equality*, 6-7 t'Ottubru, Ħelsinki**

Id-diskussjoni prinċipali ta' din il-laqgħa ħarset lejn is-sitwazzjonijiet kurrenti ta' l-Istati Membri fejn ir-rappreżentanti tal-gvern ppreżentaw infomazzjoni relevanti. Malta kien irrapreżentata minn l-Onorevoli Clyde Puli.

**Pjattaforma Ewropea għan-Nisa Xjentisti, 20 t'Ottubru, Brussel**

Dr Janet Mifsud, Kummissarju ta' l-NCPE attendiet għal din il-laqgħa organizzata mill-EPWS li indirizzat is-suġġett importanti tan-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fil-qasam tax-xjenza. Ir-rwol ta' l-EPWS huwa fil-fatt li tinbena katina

strutturali bejn in-nisa xjentisti u persuni f'livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex b'hekk l-ilħna tax-xjentisti nisa jinstemgħu aktar. Il-konferenza laħqet l-għan tagħha għax kienet okkażjoni tajba mmens fejn sar *networking* u n-nisa xjentisti Maltin kellhom iċ-ċans li jikkomunikaw mal-kollegi internazzjonali tagħhom.

***Progetto W.in.D* Laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija**

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-tmexxija saret f'Ruma u l-iskop tagħha kien li tipprovdi aktar dettall dwar il-Proġett W.in.D u l-obbligi li għandhom l-organizzazzjonijiet imsieħba. Ġie spjegat kif bħala parti mill-proġett, l-NCPE hi mistennija li tissottometti rapport ta' riċerka fuq il-prattiċi tajba li jeżistu fuq livell lokali u ssir diskussjoni f'Malta ma' min iħaddem u msieħba soċjali oħra. L-NCPE hija mistennija li tikkontribwixxi għall-proġett billi tattendi għal dawn il-laqgħat tal-kumitat tat-tmexxija li se jkunu organizzati waqt it-twettiq tal-proġett.

**Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilta' taż-Żewġ Sessi, ir-Raba' Konferenza, 27 ta' Novembru, Rovigo**

Saret konferenza ta' ġurnata f'Rovigo, l-Italja fejn ġie diskuss dan il-proġett. Saret preżentazzjoni dwar l-istat kurrenti tal-kwistjonijiet ta' ġeneru u edukazzjoni f'Malta, b'emfażi fuq il-prattiċi tajba u l-oqsma fejn hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni. L-għan prinċipali ta' din il-konferenza kien li jiġbed l-attenzjoni ta' l-istudenti u l-għalliema għall-bżonn li l-kwistjonijiet ta' ġeneru fil-qasam edukattiv jittieħdu bis-serjeta' minħabba li huma l-ixprun biex nimxu lejn soċjeta' aktar inklussiva u ugwali.

**Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilta' taż-Żewġ Sessi, Konferenza Finali, 29 ta' Novembru Nicosia**

Din il-laqgħa li saret f'Ċipru għalqet il-proġett Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Responsabbilta' taż-Żewġ Sessi. Matul din il-konferenza, ġew identifikati numru ta' prattiċi tajba fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Wara l-preżentazzjoni tar-rapporti tal-pajjiżi, il-mexxejja tal-proġett li huma iċ-Ċiprijotti, urew statistika u riżultati tar-riċerka li saret waqt it-twettiq tal-proġett u ppreżentaw ukoll materjal li inħolqu permezz tal-proġett.

**Konvokazzjoni tas-36 laqgħa tal-Kumitat tat-tmexxija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (CDEG) 29 ta' Novembru – 1 ta' Diċembru, Strasbourg**

Din il-laqgħa tas-CDEG indirizzat il-punti li ġejjin:

- Segwitu tas-6 Konferenza Ministerjali għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (Stokkolma, 8 – 9 Ġunju 2006)
- Segwitu tal-5 Konferenza Ministerjali Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u L-Irġiel (Skopje, 22 – 23 ta' Jannar 2003)
- Attivitajiet fil-qasam tal-parteċipazzjoni bilanċjata bejn in-Nisa u l-Irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam politiku u pubbliku
- Attivitajiet biex jipproteġu lin-nisa mill-vjolenza
- Attivitajiet fil-qasam tal-mainstreaming tal-ġeneru
- Segwitu ta' l-issorveljar magħmul mill-Kumitat tl-Ministri fuq l-impenn ta' l-iStati Membri bit-tema "Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel"
- Attivitajiet biex jiġġieldu l-ittrafikar ta' persuni
- Il-51 sessjoni tal-Kummissjoni fuq l-Istat tan-Nisa (New York, 26 ta' Frar – 9 ta' Marzu 2007)
- Attivitajiet għas-sena 2007
- Reviżjoni tat-Termini ta' Riferenza tal-GDEG skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat tal-Ministri Res (2005) fuq Kumitati u subordinate bodies, it-Termini tar-Riferenza u Metodi ta' Xogħol.
- Elezzjonijiet

**It-tieni Laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija AGEnder – 13 – 15 ta' Diċembru, Lisbona**

It-tieni laqgħa transnazzjonali ta' l-AGEnder saret f'Lisbona, l-Portugall, fejn l-imsieħba tal-proġett, li huma il-Portugall, Franza u Malta – iddiskutew il-progress tal-proġett nazzjonali.

Din il-mawra inkludiet:

- Laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija – 13 ta' Diċembru

Waqt il-laqhħa ta' kordinazzjoni, fost is-suġġetti ewlenin li ġew diskussi kien hemm l-istudju transnazzjonali, it-tielet seminar transnazzjonali li se jkun organizzat fi Franza u evalwazzjoni.

- Seminar Transnazzjonali – 14 ta' Diċembru

Waqt dan is-seminar transnazzjonali id-delegazzjoni Maltija ippreżentat sezzjoni ta' l-istudju li qed isir, li jitkellem dwar ir-rwol tan-nisa fis-settur Turistiku f'Malta. Din il-preżentazzjoni kienet segwita b'diskussjoni bejn il-parteċipanti.

**Laqgħa bejn il-Kummissarju Spidla u r-rappreżentanti ta' l-entitajient nazzjonali ta' l-ugwaljanza skond Direttiva 2002/73/EC, 19 ta' Diċembru, Brussel.**

Waqt din il-laqgħa, l-Kummissarju Spidla staqsa dwar il-kompetenza ta' l-entitajiet li jieħdu ħsieb l-ugwlajanza, skond kif joħroġ mid-Direttiva ta' l-UE 2002/73/EC. Barra minn hekk, matul il-laqgħa ingħatat ħarsa lejn il-provvediment ta' għajnuna indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, u surveys indipendenti dwar diskriminazzjoni, publikazzjoni ta' rapporti indipendenti u suġġerimenta għal rakkomandazzjonijiet. F'din il-laqgħa l-entitajiet li jaħdmu għall-ugwaljanza ġew mitluba jgħidu x'inhuma l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u kif qed jipproġettaw il-waqfien ta network permanenti ta' entitajiet għall-ugwaljanza.

## Parteċipazzjoni f'Konferenzi/Seminars Lokali

**Laqgħat ta' l-NCPE**

Fl-2006, il-Kummissjoni baqgħet tiltaqa fuq bażi regolari. Total ta' 11-il laqgħa saru ġewwa l-Uffiċċju ta' l-NCPE, fejn ittieħdu diversi deċiżjonijiet u twettqu diversi azzjonijiet.

Minbarra dan kompla jiltaqa is-Sotto Kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti biex jiġu diskussi u investigati kemm ilmenti pendenti kif ukoll ilmenti ġodda li baqgħu jaslu regolari. Aktar informazzjoni tinsab fil-Kapitlu Ilmenti u Talbiet għall-Informazzjoni.

**It-Tieni Anniversarju mit-Twaqqif ta' l-NCPE – Konferenza,** 6 ta' Jannar

Il-Kummissjoni organizzat din il-konferenza biex tfakkar it-tieni anniversarju mit-twaqqif tagħha fis-6 ta' Jannar 2006 ġewwa l-Universita' ta' Malta. Waqt din il-konferenza saru diversi preżentazzjonijiet fosthom dik dwar ir-Rapport Annwali, kif ukoll ġiet inawgurata is-sit elettroniku www.equality.gov.mt.

Din il-konferenza kienet inawgurata mill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali, l-Honorevoli Dolores Cristina. Waqt id-diskors tagħha il-Ministru tkellmet dwar l-impenn tal-Gvern biex jintlaħaq bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-livell ta' fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, kemm fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku, biex b'hekk issir aktar promossjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fid-djalogu soċjali.

Wara l-ftuħ mill-Ministru, għamlet l-introduzzjoni tagħha Dr Janet Misud, il-Kummissarju ta' l-NCPE. Dr Mifsud enfasizzat il-punti ewlenin fit-terminu ta' riferneza, kif ukoll tkellmet dwar kif l-istrateġiji li taħdem bihom il-kummissjoni żviluppaw f'dawn l-aħħar sentejn. Id-Direttur Eżekuttiv, Sina Bugeja, tat ħarsa ġenerali lejn ir-Rapport Annwali 2005, b'enfasi fuq l-isforz kontinwu li l-NCPE tagħmel biex tara li l-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa jiġi implimentat u rispettat. Membru ta' l-istaff ta' l-NCPE għalaq din l-ewwel parti tal-konferenza b'introduzzjoni dwar is-sit elettroniku ta' l-NCPE.

It-Tieni part ta' din il-konferenza kienet tikkonsisti f'żewġ *workshops*, li kienu jitrattaw: ir-rwol tar-raġel fil-kuntest ta' ugwaljanza bejn il-generi, u arranġamenti alternattivi dwar ix-xogħol u l-impjeig. Ms Anna Borg mill-Koprorazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, u l-Professur Godfrey Baldacchino mill-Universita' ta' Malta kienu il-kelliema ewlenin f'dawn il-*workshops*.

**Seminar konsultattiv fuq il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra l-Poverta' u l-Esklużjoni Soċjali 2006-2008**, 31 ta' Jannar, Westin Dragonara Resort

Dan is-Seminar ta' konsultazzjoni fuq il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra l-Poverta' u l-Esklużjoni Soċjali 2006-2008, sar bħala parti minn proċess ta'

konsultazzjoni biex tiġi indirizzata l-poverta'. Il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha waqt il-*workshop* fuq l-Aċċess għad-Drittijiet, Servizzi, Prodotti u Riżorsi.

**MNPN Workshop**, 15 ta' Frar, Waterfront Hotel

Is-sitwazzjoni tan-nisa f'Malta, ġiet diskussa waqt laqgħa informali li saret bħala laqgħa ta' preparazzjoni għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Fost punti li tqajjmu kien hemm dak li il-ġurnata ta' l-iskola tispiċċa kmieni wisq wara nofsinhar u għalhekk tinħoloq diffikulta fuq min ser jieħu ħsieb it-tfal sakemm il-ġenituri ikunu għadhom xogħol. Dan il-punt jistona ferm mal-progress li qed isir biex in-nisa jiġu aktar inkoraġġiti biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

**Ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Mara**, 8 ta' Marzu, Kavallier ta' San Ġakbu

Għal din l-okkażjoni, l-NCPE organizzat laqgħa informali bħala mezz ta' *networking* bejn il-Kummissjoni u diversi organizzazzjonijiet u entitajiet bl-għan ta' aktar promozzjoni ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri.

**L-Isfidi u l-Benefiċċji tat-Telework f'Malta,** 16 ta' Marzu, Ċentru għall-Konferenzi

L-Istaff ta' l-NCPE attenda għal din il-Konferenza organizzata bejn il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ u l-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija Informatika. Din il-konferenza introduċiet il-benefiċċji tat-*Telework* filwaqt li ġew diskussi xi mistoqsijiet li tqajjmu mill-parteċipanti, li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' din il-kundizzjoni alternattiva tax-xogħol. Ġew ippreżentati ukoll ir-riżultati mill-istudju, li kien iffinanzjat mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, fuq it-*Telework*.

**PPCD Konferenza fuq l-Evalwazzjoni**, 10 ta Mejju, Ċentru għall-Konferenzi

Id-Direttur Eżekuttiv ipparteċipat din il-konferenza fuq l-Evalwazzjoni, fejn qajmet diversi puti. Ms Bugeja qalet li qed jiġu sottometti diversi proġetti immirati lejn l-istess objettiv li qed joħolqu problemi u r-riżultati ma jkunux daqshekk ta' suċċess. Dan jista jkun minħabba li l-proġetti jkunu miktubin minn organizzazjonijiet u entitajiet varji u b'hekk il-PPCD ma' tkunx konxja li jkun hemm proġett bl-istess objettiv.

**Fondazzjoni Reggie Miller – 'Taħt Lenti',** 16 ta' Mejju, Corinthia Palace, Attard

Rappreżentanti ta' l-NCPE attendew għal din il-konferenza bl-isem ta' 'Sentejn membri – Id-Dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea'. Ingħatat attenzjoni partikulari lil diversi temi ta' l-Unjoni u kif dawn affetwaw lil Malta f'dawn l-aħħar sentejn.

**Il-*Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri – Id-direzzjoni għall-Ġejjieni,** 2 ta' Ġunju, Dolmen Hotel, Bugibba

It-Tielet konferenza organizzat min dan il-Proġett saret fit-2 ta' Ġunju, fejn ġew ippreżentati il-punti prinċipali ta' żewġ temi:

- *Teleworking*
- L-iżbilanċ bejn il-pagi tal-ġeneri

**L-Awtorita tax-Xandir – Konferenza Nazzjonali fuq Programmi ta' Kwalita għat-Tfal,** 8 ta' Ġunju, Ċentru tal-Konferenzi Papa Ġwanni Pawlu II, Attard

Membri mill-NCPE attendew għal din il-konferenza bit-tema - Programmi ta' Kwalita għat-Tfal - li ġiet organizzata mill-Kummissarju tat-Tfal flimkien ma' l-Awtorita tax-Xandir. L-Aspett tal-ġeneri ingħata importanza kbira waqt din il-konferenza.

**Konferenza intitolata 'Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri – Responsabbiltà taż-Żewg Sessi'** 20 ta' Ġunju, 2006 – Radisson SAS, San Ġiljan

L-NCPE tellgħet konferenza ta' nofsinhar intitolata 'Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri – Responsabbiltà taż-Żewg Sessi' li huwa mmexxi mill-Makkinarju Nazzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa (ta' Ċipru), li laqqgħet l-imsieħba mill-Italja, l-Greċja u lil Ċipru.

Dan il-proġett kien tal-fehma li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma tistax tintleħaq bl-isforzi tan-nisa waħedhom. L-irġiel għandhom ukoll jagħtu l-parti tagħhom u jaqsmu r-responsabbilitajiet familjari. F'din il-konferenza iddiskutiet dawn il-punti flimkien ma l-kwistjonijiet ta' l-ugwaljanza fid-doveri tal-ġenituri, kif ukoll edukazzjoni mingħir sterjotipi.

**Manwal għall-Ħaddiema**, 22 ta Ġunju, Westin Dragonara Hotel, San Ġiljan

L-NCPE ipparteċipat f'konferenza orgainzzata mil-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, fejn ġie introdott il-Manwal għall-Ħaddiema. Il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha wkoll meta kien qed jinkiteb dan il-manwal.

**Konferenza EDRC - Il-Valuri tal Familja f'Malta u fl-Unjoni Ewropea,** 19 ta' Settembru

Din il-Konferenza kienet organizzata miċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni, ġewwa l-Universita' ta' Malta. Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE tat is-sehem tagħha billi mexxiet workshop bl-isem ta' 'Bilanċ bejn il-Familja u x-Xogħol' bl-għajnuna ta' membru ta' l-istaff ta' l-NCPE.

**It-Tielet Konferenza tas-Nisa fl-Isport**, 24 ta' Awissu

Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv iltaqgħet ma rappreżentanti tal-Kumitat Olimpiku Malti partikolarment Dr L Attard u Ms MT Zammit fir-rigward tat-Tielet Konferenza fan-Nisa fl-Isport li kella ssir f'Ottubru.

**Konferenża ta' l-HCIMA (Hotel and Catering International Management Association),** 24 ta' Novembru

L-NCPE preżentat dokument dwar il-livelli preżenti tan-nisa li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu u ffukat fuq il-bżonnijiet tagħhom ħalli anke dawn igawdu mill-bilanċ li għandu jkun hemm bejn ix-xogħol u r-responsabbilitajiet familjari fis-setturi kollha.

# Ħolqien ta' Għarfien

Matul l-2006 l-NCPE tat prijorita' kbira lill-kampanja biex tinħoloq aktar kuxjenza dwar l-ugwaljanza tal-ġeneri. Fill-fatt intbagħtu diversi stqarriji għall-istampa, u ġew miktubin diversi artikli u ittri li dehru fil-gazzetti lokali. L-NCPE kellha diversi okkażjonijiet fejn tat is-sehem tagħha fi programmi kemm televiżivi kif ukoll fuq ir-radju. Madankollu wieħed jista jgħid li l-maġġoranza tal-promozzjoni li saret, kienet possibli li ssir permezz ta' fondi li ġew utilizzati min proġetti ta' l-Unjoni Ewropea, u li kienu jinkludu l-element ta' qawmien ta' kuxjenza. L-NCPE temmen li l-ugwaljanza ta' bejn il-ġeneri tista' ssir biss billi tinforma u teduka l-poplu.

Aktar dettalji ta' dawn il-kampanji ta' ħolqien ta' kuxjenza jinsabu hawn taħt.

## Proġetti

**<u>FSE Nru. 23 "Il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri – Id-direzzjoni għall-Ġejjieni*"*</u>**

Bħala parti min dan il-proġett l-NCPE stampat diversi affarijiet fosthom numru ta' *folders* li inkludew fihom programmi ta' konferenzi, fuljetti ta' informazzjoni*, writing pads*, kif ukoll *biros*. Il-materjal li ġie mqassam matul diversi attivitajiet ġie stampat kollu fuq karta riċiklata.

Kampanja ta' reklamar li saret fuq il-mezzi tat-transport pubbliku ġiet introdotta f'Jannar 2006. Din il-kampanja saret bl-għan li l-pubbliku jkun infurmat fuq is-servizzi li toffri l-NCPE. Fill-fatt matul is-sena kollha kien hemm reklam li kien qed jidher fuq wara ta' erba' karozzi tal-linja kif ukoll reklam ieħor li kien qed jidher fuq tlettax-il karozza tal-linja min ġewwa (ara l-istampa hawn taħt). Dawn ir-reklami inbidlu b'reklam li jxandar ir-riżultati li ħarġu mill-istess proġett.




**EQUAL Nru 4. 'Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa (Empowerment)**

Ir-riċerka li saret fl-ewwel parti tas-sena dwar dan il-proġett ġiet ippublikata u mqassma f'pakketti ta' informazzjoni, waqt seminars li saru flimkien mal-Kunsilli Lokali. L-NCPE ġabret ukoll infomazzjoni dwar diversi uffiċċji mxerrdin ma' Malta u Għawdex ta' dawk l-entitajiet imsieħba fil-proġett. Din l-informazzjoni ġiet imbagħad stampata fuq mappa li tqassmet f'sensiela ta' seminars.

Minbarra dan l-NCPE ġabret informazzjoni oħra relevanti li ġiet stampata fuq:

- Fuljetti li jippubliċizzaw is-seminars
- Posters li jippubliċizzaw is-seminars
- Reklami li ntwerew ġo *Shelters* tal-karozzi tal-linja




Kemm il-kampanja tat-televiżjoni kif ukoll dik tar-radju b'konnessjoni ma' dan il-proġett bdiet f'Marzu 2006. Fil-fatt il-programm 'Naħdem…U Kif!', kif ukoll l-annunċji pubbliċi (PSA) bdew jintwerew u jinstemgħu fuq il-midja lokali mill-1 ta' Marzu 2006. L-għan prinċipali ta' dawn il-programmi kien biex titferrex kemm jista' jkun informazzjoni dwar l-NCPE, l-opportunitajiet ta' edukazzjoni kif ukoll taħriġ, u opportunitajiet ta' xogħol. F'dawn il-programmi ħadu sehem ukoll diversi *role models* li qasmu l-esperjenzi tagħhom.

NAĦDEM... U KIF!

Il-Programm 'Naħdem…U Kif!' kien jikkonsisti fi sbatax-il programm ta' madwar 30 minuta l-wieħed li ntwerew fuq TVM u kienu repetuti fuq l-istazzjon Education 22. Il-programmi kollha li ġew imxandra kienu kollha akkumpanjati bil-lingwa tas-sinjali biex ikunu aktar aċċessibli min kullħadd. Barra minn dawn il-programmi fuq it-televiżjoni ixxandru ukoll serje ta' sbatax-il programm dirett ta' 60 minuta l-wieħed fuq Radju Malta. Il-programm tar-Radju kien jikkumplimenta l-programm tat-televiżjoni u fost it-temi li ġew diskussi kien hemm l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, il-Koperattivi, l-Informazzjoni u t-Teknoloġija, l-Imprenditu, il-Liġi u s-Sigurta' Soċjali, u l-Kunfidenza fina nfusna. Waqt dawn il-programmi u l-annunċji pubbliċi kienet qed tingħata wkoll informazzjoni dwar is-seminars li bdew isiru f'April.

Ixxandru ukoll sbatax-il silta ta' għaxar minuti 'il waħda bħala estenzjoni tal-programmi. Dawn is-siltiet li intwerew fuq Net TV, Super One TV u Smash TV, kienu qed ixandru l-objettivi prinċipali ta' kull programm li sar fis-serje '***Naħdem…U Kif***!' Dan il-programm kien innominat għall-*award* bħala l-aktar programm edukattiv kif ukoll għall-aħjar skript. Is-serje kollha ġiet repetuta fuq TVM kull nhar ta' Sibt fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. Barra minn hekk numru ta' programmi 'Tikka' ta' 4 minuti 'il wieħed kienu jitrattaw temi li ġew diskussi waqt il-programmi '***Naħdem…U Kif***!'. Il-programm 'Tikka' jintwera eżattament qabel l-aħbarijiet tat-tmienja, li huwa l-ħin l-aktar segwit fuq TVM. It-temi ta' dawn il-programmi inkludew il-fastidju sesswali, it-twaqqif ta koperattiva kif ukoll l-imprenditu.

L-informazzjoni li ġabret l-NCPE u li tippromwovi opportunitajiet indaqs permezz ta' l-għotja ta' aktar setgħa (Empowerment), ġiet ippublikata fuq:

- Fuljetti li jippubliċizzaw is-seminars -
- Erba' fuljetti ġew iddisinjati u mqassmin skond ir-reġjun ġeografiku. Dawn il-leaflets intbagħtu f'lokalitajiet varji biex iħajru lill-pubbliku jattendu għal dawn is-seminars
- Posters li jippubliċizzaw is-seminars –
    - Żewġ posters biex jirreklamaw dawn is-seminars ġew disinjati u mqassma. Dawn il-posters flimkien mal-leaflets ġew imqassmin fil-Kunsilli Lokali, fil-Banek, fiċ-Ċentri tas-Saħħa, fl-Uffiċini Postali, fl-Iskejjel ta' l-Istat, fil-Fakultajiet ta' l-Universita' ta' Malta, fil-Knejjes Parrokjali, fiċ-Ċentri tax-Xogħol, fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, fil-Ministeri u fil-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ.
- Reklami fuq l-*Istages* tal-Linja –
    - Reklami fuq l-i*stages* tal-linja intużaw sabiex jiġu reklamati s-Seminars tal-Kunsilli Lokali. Dawn ir-reklami kienu effettivi u permezz tagħhom numru kbir ta' persuni saru jafu dwar is-seminars, partikolarment dawk in-nisa li jużaw it-trasport pubbliku. Dawn ir-reklami kienu stampati u esposti madwar il-gżejjer Maltin għall-perjodu ta' 20 ġurnata matul April 2006 li kien eżatt il-perjodu ta' qabel il-bidu tas-seminars.

Waqt April 2006, il-pakketti ta' informazzjoni li kienu jinkludu l-materjal kollu li kellu jitqassam waqt is-seminars kienu finalizzati, u stampati. Dawn il-pakketti kienu jinkludu:

a. Ħames fuljetti ta' daqs A4 li kienu jinkludu informazzjoni dwar is-suġġetti li kienu se jiġu diskussi waqt is-seminars.
b. Ktejjeb ta' 20 faċċata li kien jinkludi informazzjoni dwar il-proġett EQUAL, is-Sħubija GendeRole u l-organizzazzjonijiet li jiffurmaw parti minnha.
c. Ktejjeb ta' 20 faċċata li kien jinkludi lista ta' korsijiet li kienu offruti mill-imsieħba tal-proġett u deskrizzjoni qasira ta' kull wieħed minnhom.

d. Mappa li tindika fejn jinsabu l-uffiċini ta' l-organizzazzjonijiet imsieħba fil-proġett madwar Malta u Għawdex
e. *Folder* li jinkludi l-informazzjoni msemmija hawn fuq.

Id-dokumenti msemmija hawn fuq kienu kollha stampati bil-lingwa Maltija

**Niffaċilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni**




Ir-rapport finali tar-riċerka fis-sitwazzjoni kurrenti f'Malta, Ċipru u l-Latvja ġie ippublikat. Dan id-dokument jagħti stampa dettaljata ta' kif inhi s-sitwazzjoni f'dawn it-tliet pajjiżi u jagħti indikazzjoni ta' kif din tista' tittejjeb jekk il-prattiċi tajba jiġu *mainstreamed*. Dan id-dokument ħareġ mill-parti tar-riċerka tal-proġett Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni.

**Niffaċilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni - Ġimgħa ta' Attivitajiet**

L-NCPE organizzat Ġimgħa ta' Attivitajiet bħala parti mill-proġett 'Niffaċilitaw l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni', li kienu mtella' bejn is-16 u t-18 ta' Novembru. Dawn l-attivitajiet saru f'tinda li kienet imtella' apposta fi Pjazza Ħelsien, fil-Belt Valletta, u kienet tikkonsisti f'wirjiet repetuti ta' teatru interattiv ta' siegħa-il waħda li kienu intiżi sabiex jistimulaw diskussjoni fuq ir-rwoli tal-generi u l-isterjotipi. Fil-fatt, kull wirja kienet tinkludi xi previżjonijiet tal-logħba tal-kompjuter li kienet żviluppata apposta; partijiet mir-*role plays* li kienu zviluppati. Din l-attività kienet reklamata fuq Xarabank u fuq numru ta' programmi tat-tfal. Dawk it-tfal kollha li attendew l-attività kienu provduti b'kopji ta' ktejjeb tat-tpinġija, bookmarks, stikers u logħba fuq CD-Rom.



# IL-ĠENERU FIL-KUNTEST EWROPEW

Matul is-sena 2006, l-NCPE tat il-kontribut tagħha dwar numru ta' proposti u dokumenti ta' organi Ewropej. Barra minn hekk, l-NCPE ippreparat u ppreżentat Memoranda u Noti ta' Istruzzjoni dwar il-pożizzjoni li Malta kellha tieħu matul numru ta' laqgħat ta' diversi kumitati. Ix-xogħol maghmul mill-NCPE matul l-2006 f'dan ir-rigward jinkludi l-preparazzjoni għad-diskussjoni rigward numru ta' suggetti, fosthom, ir-rivista ta' l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-istituzzonijiet Ewropej tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing – Abbozz tal-Konklużjonijiet dwar in-Nisa u s-Saħħa, – Indikaturi dwar Mekkaniżmi Istituzzjonali: Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, Il-Pjan ta' Rotta għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2006-2010, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, Is-Sena Ewropeja għall-Opportunitajiet Indaqs, il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE 2006-2010 għal Strateġija għall-kejl tal-Kriminalita' u l-Ġustizzja fil-kamp Kriminali, r-rapport ta' Informazzjoni ta' l-EESC tas-settur għall-affarijiet barranin dwar is-sapport ekonomiku, edukattiv, soċjali u kulturali fil-futur għaz-żgħażagħ taħt il-*European Neighbourhood Policy*, b'mod partikolari fil-promozzjoni ta' skambji u inizzjattivi konġunti tal-pajjiżi msieħba Ewro-Mediterranji, u l-Abbozz tal-Konklużjonijiet Preliminari tal-Kunsill dwar l-Irġiel u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

Barra minn hekk, ingħata kontribut regolari dwar numru ta' suġġetti imsemmija hawn fuq b'relazzjoni ma' numru ta' laqgħat inklużi laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, u laqgħat EPSCO u COREPER.

# DESKRIZZJONI TAL-QAGĦDA FINANZJARJA

Fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-Gvern alloka baġit ta' Lm100,000 lill-Kummissjoni. 78% (Lm61,293) ikopri l-pagi ta' l-istaff u onorarja, 20% (Lm15,292) koprew spejjeż ta' manutenzjoni u spejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettieq tax-xogħol, waqt li l-kumplament, 2% (Lm1,881) intefaq fuq apparat ta' l-uffiċċju. Analażi ta' kif intefqu l-ispejjeż meħtieġa għat-twettieq tax-xogħol tinsab hawn taħt.

**Spejjeż ta' Manutenzjoni u Spejjeż Normali li huma meħtieġa għat-Twettieq tax-Xogħol**




Kif wieħed jista' jara fir-rappreżentazzjoni grafika t'hawn fuq aktar min kwart (36%) mis-somma li intefqet fuq spejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettieq tax-xogħol, intefqet fuq tiswija u manutenzjoni (Lm5,505). Din l-ispiża prinċipaljament intefqet fuq modernizzar ta' l-uffiċji l-ġodda ta' l-NCPE. 24% kienu relatati ma' servizzi informattivi (Lm3670), waqt li l-kumplament 40% intnefqu fuq safar (Lm1,988), servizzi professjonali (Lm2,294) u bżonnijiet ta' l-uffiċċju (Lm1,835).

Matul din is-sena finanzjarja l-Kumissjoni għamlet ukoll użu min fondi ta' l-Unjoni Ewropea. L-analażi hawn taħt tispjega aħjar liema kienu l-proġetti u kif intefqu l-flus fis-sena 2006.

| Isem tal-Proġett | Baġit (Lm) |
|---|---|
| FETE – 'Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni' | 121,331 |
| FSE/Nru. 23 "Il-*Mainstreaming* tal-Ġeneri – Id-direzzjoni għall-Ġejjieni" | 78,236 |
| EQUAL Nru 4. 'Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa (Empowerment) | 49,478 |
| Programm Reġjonali ta' taħriġ fuq temi ta ugwaljanza, għal tmexxija aħjar fis-Servizz Pubbliku ġewwa Malta u Ċipru. (5 – 7 ta' Diċembru 2006) | 5,900 |
| Id-differenza bejn il-Ġeneri fil-qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta | 1,675 |

Il-figura grafika li jmiss, (espressa bħala persentaġġ mit-total globali li ntefaq), tispjega aħjar kif il-fondi li ntużaw mil-Unjoni Ewropea intefqu biex intlaħqu l-miri tal-proġetti. Il-flus li ntefqu fuq kull proġett, kienu allokati skond kif kien jirrikjedi l-proġett u kollox sar skond il-baġit. Dan kollu kien possibli b'solveljar kontinwu u bl-għajnuna ta' kull min kien involut fil-proġetti.

**Infiq fuq Proġetti**

